Ġunju 2006 • Vol 13 • Nru.2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
ST.GEORGE'S FIEF STREET
VICTORIA GOZO
TEL. 2156 0479

## *Fil-Paġni ta' ġewwa*

- Tibdil storiku fix-Xifts
- Ħidma tal-Pulizija fi Brussels
- Intervista - Ħarsa lejn il-Ħames Distrett
- F'Ħamis ix-xirka rxoxta ir-rank tal-Maġġuri

*u aktar...*

*Newspaper Post*

# Take a closer look.




## Getz

## The all new **Getz** from only **Lm4,075**

The new Hyundai Getz is a unique blend of cutting edge technology and style. Highly economical and reliable it also comes equipped with the new optional sporty blue or red interiors, adding zest to urban mobility.

Take a closer look and experience the latest expression of sportiness and flair from Hyundai.



EURO NCAP
www.euroncap.com
★★★★

3 YEAR WARRANTY

FIFA WORLD CUP GERMANY 2006 | HYUNDAI Official Partner

**Meridian Auto Company Limited**
B'Kara Road, B'Kara. Tel: 2382 2128
www.meridian.com.mt
*Meridian Auto Company Limited - a member of the Pater Group*

Ġunju 2006 • Vol 13 • Nru.2

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

5 Tibdil Storiku fix-Xifts

7 Drinn Drinn 7

9 Ħidma tal-Pulizija fi Brussels

13 Qrajtu l-Kodiċi t'Etika?

15 Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa 2006

17 Apprezzament

18 Laqgħat bejn il-Kummissarju u l-Pulizija fid-Distretti

21 Messaġġ mill-kappillan tal-Korp

23 Żjara uffiċjali f'Budapest, l-Ungerija minn uffiċċjali tal-Korp tal-Pulizija

26 Tislima lill-Kelb tal-Pulizija Rambo

30 Mal-Medda taż-żmien

32 Intervista - Ħarsa fuq il-Ħames Distrett

38 F'Ħamis ix-Xirka rxoxta ir-rank tal-Maġġuri

41 Il-Parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropeja

43 L-Użu tas-Seat Belt mill-Pulizija

44 Parteċipazzjoni tal-Pulizija ta' Malta f'Turnament fi Franza

46 Konferenza f'Malta dwar il-Ġlieda kontra il-Ħasil tal-Flus

49 Malta fil-EUROPOL (EPOL) - Sena wara

55 Il-Bust tal-eks Kuntistabbli Mark Farrugia

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Il-Membri tal-Korp li mietu

Membri tal-Board Editorjali: **President:** Insp Kenneth Haber
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 772 Dennis Agius
Wpc 255 Roberta Fenech
Pc 1155 Chris Mangion
Sur Alfred Debattista




**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bil-fors l-opinjoni tal-Board. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt: Editur "il-Pulizija" C.M.R.U. Police Headquarters Floriana CMR 02

Ritratt: Il-Mascot tal-Pulizija

© C.M.R.U. Police Headquarters, Ġunju 2006

# Editorjal

Merħba.

Ftit jiem oħra nkunu qed niċċelebraw Jum il-Pulizija, fejn ħafna minnha ser ikunu mpenjati mhux ħazin. Din il-ġurnata issir possibli għaliex ikun hemm sforz kollettiv mingħand kulħadd.

Din is-sena l-Korp ser jingaġġa membru gdid – GIGI. GIGI huwa maskot li l-Korp ser jintroduci għal Jum il-Pulizija u ser ikun ukoll parti ntegrali miċ-ċelebrazzjonijiet li ser isiru. ĠIĠI intgħazel minn fost 8 nominazzjonijiet, u l-għazla waqgħet fuq il-karikattura magħmula mill-Kuntistabbli 235 Ray Bristow, li huwa stazzjonat Bormla.

ĠIĠI ser ikun ukoll parti mill-kampanja ta' prevenzjoni kontra l-kriminalita' li l-Pulizija qed torganizza ma' l-iskejjel ta' Malta u Għawdex. L-iskop wara din il-kampanja hija sabiex titqajjem kuxjenza ta' prevenzjoni minn kulħadd, fejn ħafna drabi n-nuqqas ikun li l-affarijiet jittieħdu minn kulħadd for granted u ma narawx li dak il-jum li l-ġara insterqet stajt kont int.

Minn dawn il-pagni nixtiequ nawguraw lil dawk il-Pulizija li ser jieħdu sehem fl-ispedizzjoni li ser torgananiza l-Life Cycle Over and above – Crossing the Arctic Circle bejn id-29 ta' Lulju u d-9 ta' Awissu, fejn din is-sena ser tibda minn Oslo gewwa n-Norvegja tgħaddi minn Kiruna gewwa l-Svezja u tispiċċa gewwa Rovaniemi fil-Filandja.

Il-Bord tal-Magazine jieħu din l-opportunita' sabiex jawgura lil kulħadd Jum il-Pulizija t-tajjeb

Disinn u riklamar
**ABILITY PUBLICATIONS LTD.**
Tel: 21 241345 - Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar
**GUTENBERG PRESS - TARXIEN**


Expect
more
JOHNNIE WALKER
BLACK LABEL
Old Scotch Whisky
12
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
JOHNNIE WALKER.
Tel: 25528000 Fax: 25522992 www.winesandspirits.com.mt
© John Walker & Sons 2004



2nd SM 496 G. Borg
9 Distrett

# Tibdil Storiku fix-Xifts

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija għandha d-dmir u l-obbligu sabiex issib il-mod u tagħmel dak kollu possibbli sabiex tkun aktar qrib tal-membri tagħha.

Jidher biċ-ċar li dak kollu li għamilna s'issa ma kienx biżżejjed. Għad hemm ħafna membri li għadhom wisq 'il bogħod mill-Assoċjazzjoni.

Bir-rispett kollu pero', jiena ngħid li kull min għadu l-bogħod minnha, dan għax irid hu/hi. Mill-banda l-oħra, aħna xorta waħda m'aħniex ser naħarbu mir-responsabbilta' tagħna li nipprovaw inkunu viċin ta' kulħadd fejn huwa possibbli.

L-Assoċjazzjoni kemm jista' jkun u fejn huwa possibbli trid tkun il-ħin kollu qrib tal-membri tagħha.

Fil-verita', id-difensuri tal-ħaddiema għandhom ikunu bħal klieb ta' l-għassa, li meta jaraw jew jisimgħu xi ħaġa ħażina fil-konfront tal-ħaddiema li huma jirrappreżentaw, jaġġixu fil-pront, sakemm il-problema tkun solvuta. Żgur u mhux forsi li bħalissa l-Assoċjazzjoni ma tistax tħaddem din l-istrateġija, u ninsabu 'l bogħod wisq minn dawn il-miżuri, minħabba diversi ċikostanzi, pero' jiena nemmen li għad naslu għal xi soluzzjoni simili kemm-il darba ma naqtgħux qalbna. Jiena dejjem ngħid li t-triq hija iebsa ħafna, pero' jekk ma tibdiex ma tasal qatt. Jekk ma tipprovax ma tistax tgħid li ma wasaltx.

Importanti li lkoll kemm aħna nitkellmu b'lingwa waħda u fuq l-istess suġġett. L-istrateġija ta' l-Assoċjazzjoni hija trasparenti għall-aħħar għal min irid jifhimha.

F'kull ħin għandna nkunu kollegi ta' xulxin u qatt ma għandna nkunu estranji għal xulxin. Ħwejjiġna hemm bzonn li jinħaslu f'darna stess.

Illum minn hawn nixtieq ngħid grazzi lill-Kummissarju tal-Pulizija talli għoġbu jiddedika mill-ħin prezzjuż tiegħu u qiegħed jiltaqa' ma kulħadd. Naħseb li hija xi ħaġa pozittiva għall-aħħar, meta tara lill-aktar persuna potenti fil-Korp, il-Kummissarju, joħroġ u jiġi jiltaqa' magħna fl-għasses fejn naħdmu, sabiex b'għajnejh jara u b'widnejh jisma' dak kollu li ngħaddu minnhu waqt il-ħin tax-xogħol, u fl-istess waqt jagħti opportunita' sħiħa sabiex minn jixtieq jgħid xi ħaġa jgħidha. Mezz mill-aktar demokratiku.

Personalment stennejt ħafna minn dawk li l-ħin kollu jgergru u jeqirdu fuq dik u fuq l-oħra, u meta tismagħhom jitkellmu jkexkxuk. Oħroġ il-għaġeb dawn in-nies ma sfruttawx dan iċ-ċans u baqgħu b'fommhom siket. Naħseb illi kieku l-Kummissarju jkun jaf li dawk ta' taħtu jibżgħu minnu, f'din il-perspettiva xejn ma jieħu ġost. Jiena persważ illi l-għan ewlieni tal-Kummissarju li jiltaqa' ma kulħadd kien sabiex flimkien naraw x'jidhrilna u kull fejn joħorġu proposti tajba jiġu kkunsidrati.

Interessanti ħafna meta waqt il-laqgħa li nżammet fl-għassa tal-Mosta il-Kummissarju kien issuġġerixxa li forsi wasal iż-żmien li f'kull distrett jinħatar membru fil-kariga ta' "Liaison Officer". Dan jibda jieħu ħsieb li jiġbor il-kummenti / lmenti, huma x'inhuma, tal-kollegi tiegħu fid-distrett, sabiex dawn imbagħad jiġu ndirizzati lil Kummissarju direttament, jew via l-Assoċjazzjoni jew via s-Segretarju personali tiegħu. Naħseb li b'din is-sistema nkunu qed nagħmluha aktar faċli għall-kulħadd, innaqqsu mill-burokrazija żejda fis-sistema tagħna, u forsi wkoll tinżamm aktar il-konfidenzjalita'. Dan għandu jsir b'responsabbilta' u r-rispett lejn kulħadd, tinsewx aħna Korp dixxiplinat.

Jiena minn hawn nixtieq inħeġġeġ lil kulħadd sabiex ħadd ma joqgħod lura milli jitkellem, speċjalment jekk għandu xi ħaġa li qed tinkwietah jew iddejqu. Inħeġġeġ ukoll lil dawk li jixtiequ jgħaddu xi lment sabiex ma joqgħodux lura. Billi tgħaddi lment ma tkunx arroganti, anzi pjuttost iservi ta' ġid.

Matul dawn l-aħħar ġimgħat seħħew bidliet importanti ħafna fi ħdan il-Korp, qiegħed nitkellem dwar ix-xifts il-ġodda. Hawn ukoll wieħed irid iħares lejn din il-bidla b'att pożittiv ħafna. Kemm ilni fil-Korp dejjem smajt li x-xifts iridu jinbidlu, pero' qisu ħadd ma kellu l-kuraġġ li jagħmel din il-bidla.

Fl-opinjoni tiegħi l-Kummissarju wera' biċ-ċar li ma jibżgħax mill-bidla, u kien għalhekk li ta' widen u saħansitra wasal sabiex bidel ix-xifts.

Dan ser isir fuq prova ta' xahar. Wieħed irid ikun ftit kawt, sabiex naraw x'effett ser iħalli dan ix-xift il-ġdid kemm personalment kif ukoll fuq il-korp innifsu. Issa sta għalina li jekk xi ħadd għandu xi suġġerimenti validi jersaq bihom sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu diskussi. Jiena ċert illi l-għan ewlieni ta' din il-bidla storika biex insejħilha hekk, huwa sabiex intejbu l-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħna. Naħseb kulħadd qara' ċ-ċirkolari li titratta dwar id-dritt ta' l-appell fi proċeduri dixxiplinari, dan ukoll kien punt pożittiv, flimkien mas-sistema l-ġdida ta' kif irid jibda jsir il-ħlas ta' l-extra duty on payment. L-Ispetturi wkoll ingħataw top-up card ta' Lm 5 kull tlett xhur. Forsi mhux kollox ġie eżatt kif xtaqna aħna, pero' wieħed irid japprezza l-fatt illi t-tibdil qiegħed isir. Għad hemm ħafna xi jsir. Jekk norqdu zgur li ma jsir xejn. It-taħditiet bejna u bejn il-Gvern għadhom sejrin, u forsi f'qasir żmien inkunu f'pożizzjoni li nħabbru xi riżultati pożittivi.

Ringrazzjament partikolari għandu jmur ukoll lejn il-Kummissarju għall-promozzjonijiet li għadhom kif ingħataw tas-Surġenti Maġġuri. Dan ir-rank kien litteralment miet, pero' s-Sur Rizzo minn dejjem emmen f'dan ir-rank u kien dejjem isostni li lil dan ir-rank irid jerġa' jwelldu mill-ġdid. Wegħda oħra li seħħet.

Ħbieb l-għajnuna ta' kulħadd hija essenzjali, għalhekk wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li dak li nagħmlu u nikkontribwixxu huwa għalina lkoll u għal ħadd aktar. Il-karru tagħna aħna rridu nkaxkruh.

www.mpa.org.mt
godwin.a.borg@gov.mt
godwin.a.borg@onvol.net

Inselli għalikom ħafna.

# Kemm trid tistenna għal deċiżjoni fuq self **Flexicredit...**



## Inqas minn **60** minuta?

Dan huwa l-ħin li għandna bżonn biex nipproċessaw il-biċċa l-kbira ta' l-applikazzjonijet għal self Flexicredit*. B'self Flexicredit tista' tissellef bejn Lm250 u Lm25,000 u tħallas lura fuq perijodu massimu ta' 5 snin.

F'ħafna każi, kemm jekk għandek bżonn self Flexicredit biex tixtri karozza, tmur għal btala, tagħmel kċina ġdida jew għal kull raġuni oħra, se jkollok il-flus li għandek bżonn fi żmien siegħa...
**...mingħand l-HSBC biss**.



**Għix l-esperjenza.**
**Ċans li tirbaħ ma' l-offerti tat-Tazza tad-Dinja.**

Ċempel 2380 2380
Żur hsbc.com.mt
Mur fl-eqreb fergħa

HSBC
Bank dinji, bank lokali

*Is-self huwa suġġett għall-approvazzjoni mill-fergħa tiegħek, u s-60 minuta jibdew jgħoddu minn meta tgħaddilna d-dokumenti kollha meħtieġa. Jekk tapplika għal self Flexicredit *online*, tingħata deċiżjoni f'inqas minn 60 minuta wara li tgħaddi d-dokumenti kollha lill-fergħa tiegħek.

*Maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 233, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT05*



Supt P. P. Zammit
Prosecution Unit

# Drinn Drinn 7

*Hello, Prosecutions Unit,*

Bonġu Sir, x'għamiltilna, xi problema qlajtilna b'dak l-imbierek affidavit.

*Bonġu. Sa fejn naf jien il-problemi magħruf li insolvihom, mhux biss naqlaħhom. Għidli fejn hija l-problema u bħas-soltu ngħinnek issolviha.*

Għandek raġun Sir, forsi ilqajtek ftit bissaħħa. Imma din ta' l-affidavit ħasditna ftit u biex ngħidlek ħawditna wkoll barra li żieditilna x-xogħol u ma għandniex biex naħdmu. Tista' tispjegali ftit kif taħdem sewwa, għax hawn mitt bniedem, mitt fehma?

*Ara ħalli nibdew mill-bidu, u l-bidu skond int kien li ħasditkom. Ħa nagħmilha ċara, l-affidavit, u dak kollu marbut magħhom ilu magħna is-snin, biex inkun eżatt daħal fis-seħħ bl-emendi ta' l-Att III tal-2002 permezz tal-Avviż Legali 94 tas-sena 2002 u bdew fl-1 ta' Mejju 2002. Hawn ġie ntrodott l-Artikolu 360A (fost ħafna tibdil ieħor) li għamilha possibli li f'dawk il-kawżi summarji di natura, (dawk li nsejħulhom tas-seduta) ma hemmx aktar għalfejn joqgħodu jitilgħu l-Pulizija kollha nvoluti. Dan jista' jseħħ billi l-Pulizija minflokk jitla' jixhed jagħmel affidavit fejn fih jagħti d-dettalji kollha tal-każ b'mod li huma aċċettabli legalment u dan permezz ta' dokument ġuramentat u ċioe' b'affidavit.*

Ma kontx naf li ilha daqshekk il-liġi, ħsibtha xi ħaġa ġdida.

*Biex inkun eżatt, l-istorja ta' l-affidavit fil-Qrati tagħna ilha ħafna aktar minn hekk u splodiet fl-użu tagħha fiċ-ċivil ftit tas-snin ilu u issa ġaladarba indrat sewwa mill-Qrati tagħna, qed ukoll nagħmlu użu aktar minnha fil-kriminal. Din il-proċedura tal-affidavit kienet ukoll fil-kriminal iżda kienet ristretta ħafna għal min jista' jużaha u dan skond l-artikolu 646(7) li huwa ristrett għat-tobba.*

*Meta saret din il-liġi l-Korp ma qadabx u telaq jiġri biha, fil-fatt bdejna proġett pilota, u din id-darba kien imiss lil tat-traffik, fejn l-Affidavit beda hawn. Dan sar sabiex inkunu aktar nistgħu nikkontrollow dak li qed jiġri. Rajna il-proċess, fejn żbaljajna irranġajna u f'każijiet fejn kellna għalfejn immorru fl-Appel, tlajna sa hemm bl-għajnuna fiedja ta' l-Uffiċju ta' l-Avukat Ġenerali u wasalna fejn ridna, u ċioe' li l-proċess tal-affidavit ikun magħruf fil-Qrati tal-Kriminal, jindara mill-avukaterija u anke minnha u l-proċess juri il-vera kapaċita' tiegħu.*

Din ma konniex nafuha.

*Ħafna drabi hekk jiġri, ma tantx indoqqu trombi u l-idea hija li kollox jimxi 'il quddiem bla ma nqajmu terremoti. Jidher li hekk seħħ. Imma issa hemm bżonn li naraw aktar x'qed jiġri. Kif taf sew inbidlu il-ħinijiet tax-shifts. Mela issa jekk nabbinaw il-Qrati (u anke it-Tribunali Lokali) u ix-shifts ser ikollna rebus fix-xogħol. L-idea hija li kulħadd ikun aktar żgur mill-ħinijiet tax-xogħol tiegħu. Biex dan iseħħ int trid tkun aktar liberu mill-irbit ta' Qrati u Tribunali, u hawn fejn jidħol l-affidavit. Meta l-affidavit isir sewwa ma jkunx hemm għalfejn wara xi night tidħol il-Qorti. Ma jkunx hemm bżonn ta' qsim ta' shift jew tidwir sabiex tmur it-Tribunal Lokali. Anqas ma jkollok commitment barra tixhed aktar ser ikollok ħin għax-xogħol u għalik.*

Hekk bdejt nifhmek aħjar, qiegħed aktar nifhem kemm huwa mportanti.

*Huwa daqstant importanti pero' li dan l-affidavit isir sewwa u skond il-liġi. Hawn fejn ħadt il-biċċa tax-xogħol jien. Lill-Ispetturi u lis-Supretendenti tagħkom tgħajthom CD b'diversi formati ta' affidavit u sa fejn stajt tajthom il-liġijiet biċ-charges relattivi. Sa fejn naf jien dawn kellhom jidħlu fil-computers tagħkom biex inthom tagħmlu l-affidavit, wara l-Ispettur jew is-Supretendent jikkoreġi fejn ikun meħtieġ il-forma u l-lingwa, kif ukoll jara li dan fih is-sugu tal-każ u finalment dan jiġi ġuramentat.*

Iva Sir, domna ftit, sa kemm sabu tarf il-computers li għandna isfel fuq il-bank tas-surġent. Imma ma nistax bil-ħmar intellaq maż-żwiemel.

*Veru li l-computers mhux kollha żwiemel pero' lanqas ma huma daqstant ħżiena li ma jistgħux jintużaw. Ikunu jridu xi ftit hands on experience minn naħa tagħkom kif ukoll xi tibdil jew irranġar żgħir minn-naħa ta' l-IT Section tagħna.*

Dawk ġew u minn hemm jew minn hawn ġabu kollox jaħdem.

*Mela issa ma tistax tgħidli li m'għandikx għodda. Tista tgħidli li għandek ftit għodda, jew xi ftit għajjiena. Hekk inkunu qed niftehmu aħjar. Naf li faċli tikritika u huma minn awl il-dinja dan, pero' rridu inkunu saqajna ma' l-art. L-ewwel irridu nimxu qabel ma nitilqu niġru. Aktar ma nitgħallmu nimxu malajr aktar ikun possibli li niġru qabel. Ftakru wkoll li l-ġirja sal-barkun. Mela issa ġej għall-aktar żewġ partijiet importanti.*

*L-ewwel parti:- Meta jista' jsir l-affidavit? L-affidavit għandu jsir jekk jista' jkun malmument li qed toħroġ l-akkuża. Dan għaliex dak inhar ikollok f'moħħok il-fatti l-aktar ċari. Barra minnhekk mat-taħrika jintbgħat l-affidavit. L-affidavit jista' ukoll isir fi kwalunkwe stadju tal-każ, mela jista' jsir ukoll għal dawk il-każijiet li għadhom jinstemgħu l-Qorti. B'hekk ma toqgħodx taħli l-ħin titla' l-Qorti darba, tnejn, tlieta, daqqa għax ma nstabx l-akkużat, oħra għax ġab ċertifikat mediku, oħra għax ma deherx l-avukat u kull darba ma jisir xejn għal xi raġuni jew oħra.*

*Barra minn hekk, hekk ikun hemm xi każ fejn ikun hemm bżonn ta' appell, f'dan il-każ ix-xhieda tagħna tkun dik bil-miktub u nkunu f'pożizzjoni aktar ċara. It-tieni parti ugwalment importanti hija dik dwar il-kontenut. Id-diskors żejjed lanqas għal-avukati mhu tajjeb, u wkoll ngħidu li n-nieqes ħu ż-żejjed. B'dan irrid infisser li f'dak li qed tgħid fl-affidavit trid tkun ċar, preċiż u konċiż. Is-sugu tal-fatti, bla ħafna tidwir, li jissemmew id-dati, il-ħinijiet u l-postijiet konċernati, u il-persuni fejn huwa meħtieġ, kif ukoll il-fatti tal-każ li wasslu għal dik it-taħrika.*

*Issa għall-priedka jew prattika ta' l-aħħar. Meta tlestieħ, aqrah, u wara staqsi lilek innifsek x'fhimt b'dak li qrajt. Ħafna drabi tindunaw li hemm x'wieħed jikkoreġi. Toqgħodx tistrieħ fuq l-Ispettur jew is-Super, tinsiex dak l-affidavit tiegħek u allura responsabilita' tiegħek li tagħmlu sew. Ħafna drabi kull ma jkun hemm bżonn naqra ta' attenzjoni. Tibżax li tieħu żball, għax min ma jagħmel xejn ma jiżbaljax, u mill-iżbalji nitgħalmu aħna lkoll.*

Grazzi Sir, ħsiltni, ixxuttajti u ġibtni f'tiegħi. Imma dak il-computer....

Ta' l-aħħar, int anzjan fil-Korp. Ftakru kemm kontu timxu, imbagħad ġew ir-roti, wara l-karozzi, hekk ukoll fil-kitba, l-ewwel kollox handwritten, imbagħad it-typewriters, issa il-computers. Ħaġa wara l-oħra u la mhux xi sigriet nista' ngħidu, qed jinbidlu il-computers, bil-mod il-mod taslu biex ikolkom l-għodda kollha.

Grazzi ħafna sir.

*Xejn. Dover.*

Is-sisien tal-*Brand* MALTA huma t-tliet Valuri Bażiċi ta'

# PATRIMONJU - OSPITALITÀ - DIVERSITÀ




B'għemilek... Bi kliemek... B'dak kollu li tagħmel...

INT *Tirrifletti lil Pajjiżek!*

MALTA
L-AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU



Dr. A. Casha BA LL.D
Supretendent

# Ħidma tal-Pulizija fi Brussel

Ġejt mitlub niġbor fil-qosor ix-xogħol li qed inwettaq fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea ġewwa Brussel. Jekk miniex żbaljat kont diġa' ktibt xi ħaġa dwar dan f'Lulju ta' 2004 – iżda naħseb li dak l-artikolu kien iffokat aktar fuq il-ħidma fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern fl-Unjoni Ewropea.

Il-kariga ufficjali tiegħi hi ta' *Attache'* tal-Pulizija fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti Bħali hemm numru ta' ħaddiema oħra bħala *Attaches* f'diversi oqsma, bħal ngħidu aħna t-telekomunikazzjoni, il-Ġustizzja, l-Immigrazzjoni, is-Saħħa, l-Agrikultura, it-Trasport u oħrajn. Essenzjalment, kull taqsima ta' l-amministrazzjoni tal-Gvern f'Malta għandha persuna fir-Rappreżentanza Permanenti li tieħu ħsieb tkopri l-andament ta' dik il-materja fl-istrutturi ta' l-Unjoni Ewropea. L-Istrutturi prinċipali ta' l-Unjoni huma: il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Qorti Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni. Jista' jagħti l-każ li persuna tkopri iżjed minn taqsima waħda.

Għalhekk, bħala *Attache'* tal-Pulizija jien nieħu ħsieb nattendi diversi laqgħat relatati mal-pulizija u x-xogħol tagħna, jew aħjar il-kooperazzjoni bejn il-forzi ta' l-infurzar tal-liġi bejn il-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea (ibbażata fuq Titlu VI tat-**Trattat Dwar l-Unjoni Ewropea**). Fi ħdan il-Kunsill hemm laqgħat li jsiru fuq bażi regolari, darba, xi kultant darbtejn jew iżjed fix-xahar. Dawn il-laqgħat iseħħu fil-qafas ta' Kumitati ta' Ħidma (Working Groups) skond il-materja konċernata: Terroriżmu, Droga, Kriminalita' Organizzata, Schengen, Sirene, Kooperazzjoni tal-Pulizija u oħrajn.

Normalment, il-laqgħat jiġu organizzati mill-Kummissjoni Ewropea, mill-banda l-oħra jkunu aktar specjalizzati fuq xi materja partikolari fejn il-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tipproponi xi inizzjattiva għall-abbozz ta' leġislazzjoni ġdida Ewropea, u għal daqstant il-Kummissjoni tkun tixtieq tieħu l-ideat ta' l-esperti nazzjonali fuq din il-materja. Dawn il-proposti leġislattivi mill-Kummissjoni Ewropea, imbagħad jgħaddu għand il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea biex jiġu diskussi u, jekk ikun il-każ flimkien mal-Parlament Ewropew, addottati bħala leġislazzjoni Ewropea. Dawn il-proposti leġislattivi normalment jissejħu 'dossiers'.

Wara kull laqgħa, isir rapport lill-persuni konċernati f'Malta. F'dan ir-rapport, mhux biss jiġi rrappurtat dak li ġie diskuss, iżda tinġibed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet f'Malta dwar xi materja li tista' jkollha xi effett fuq il-leġislazzjoni Maltija jew il-mod kif taħdem il-Pulizija f'Malta.

Il-parteċipazzjoni ta' esperti Maltin (fil-każ tagħna mill-Pulizija) f'dawn il-Kumitati ta' Ħidma qegħda dejjem tiżdied u għalhekk, jien nieħu ħsieb insegwi dawn il-laqgħat flimkien ma' l-esperti minn Malta.

X'jiġri wara d-diskussjonijiet fil-Kumitati ta' Ħidma?

Id-dossiers li jkunu qed jiġu diskussi fil-Kumitati ta' Ħidma fil-qasam tal-Kooperazzjoni tal-Pulizija jgħaddu imbagħad għand Kumitat ieħor, b'xejra aktar politika magħrufa bħala CATS. CATS huwa akronimu mill-kelmiet franċiżi *Commité Article Trente Six* għax huwa Kumitat imwaqqaf bis-saħħa ta' l-Artikolu 36 tat-Trattat Dwar l-Unjoni Ewropea.

Jien nattendi dawn il-laqgħat ta' CATS li jsiru darba fix-xahar (ħlief f'Awissu) flimkien mas-Segretarju Permanenti. Ix-xogħol tiegħi għal dawn il-laqgħat hu, li, flimkien mad-Direttur għall-Affarijiet Ewropej u l-istaff fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, nikkoordinaw u nħejju l-pożizzjoni ta' Malta fuq id-dossiers li jkun hemm fuq l-aġenda. Dan iseħħ flimkien u bil-għajnuna ta' l-esperti Maltin li jkunu qed isegwu l-andament tad-dossiers rispettivi fil-Kumitati ta' Ħidma.

Minbarra dawn il-laqgħat li semmejt hawn fuq, darba fil-ġimgħa nieħu ħsieb il-kwistjonijiet/materja li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħi li jkunu fuq l-aġenda ta' COREPER II (akronimu għal *Commité Representante Permanent*). Dan huwa Kumitat li jikkoordina u jipprepera x-xogħol għal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern (fost konfigurazzjonijiet oħra: bħall-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi, jew ta' l-Affarijiet Barranin). Il-livell ta' parteċipazzjoni fil-CORPER hu fil-livell ta' Ambaxxatur, jew aħjar tar-Rappreżentanti Permanenti tal-pajji?i membri.

Sitt darbiet fis-sena jkolli nieħu ħsieb, flimkien mal-kollegi tiegħi, il-laqgħat tal-Ministri tal-Ġustizzja u l-Intern – kemm mill-lat loġistiku kif ukoll mill-lat tekniku fuq id-dossiers li jkun hemm fuq l-aġenda.

Nattendi wkoll laqgħat (*JHA Counsellors Meetings*) li jissejħu mill-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea minn żmien għal żmien meta l-progress fuq xi dossier partikolari jkun waqa' lura jew jinħass il-bżonn ta' aktar diskussjonijiet biex jintlaħaq kompromess. Dawn il-laqgħat jiżdiedu fil-frekwenza tagħhom lejn it-tmiem tal-perjodu tal-Presidenza (April-Mejju u Ottubru-Novembru).

Barra dan, ikolli x-xogħol ta' kuljum fl-uffiċċju tiegħi fl-ambaxxata Maltija fi Brussel. Nieħu ħsieb il-korrispondenza mill-Istituzzjonijiet Ewropej għal Malta u viċi-versa, kif ukoll nipprepara tagħrif sommarju fuq xi dossier għar-Rappreżentant Permanenti meta jkun il-każ.

Kif qed taraw, insib biex nimliha l-ġurnata! Nikkalkula li fil-perjodu li ilni Brussel attendejt madwar 450 laqgħa.

Tgħallimt ħafna u għadni qed nitgħallem. Esperjenza bit-tlugħ u l-inżul tagħha, iżda sfida li jien aċċetajt. Nistqarr magħkom li nħossu sew in-nuqqas tal-familja, tal-ħbieb u tal-kollegi tiegħi f'Malta, iżda nemmen li x-xogħol li qed jitwettaq huwa ta' siwi kbir għall-Korp tal-Pulizija biex jilqa' l-isfidi li qed jiffaċċja.

B'dan ma naqsitx l-għozza tiegħi lejn il-Korp tal-Pulizija. Min jafni mill-qrib, jew min xi kultant jitla' Brussels biex jattendi xi laqgħa, jaf kemm nipprova nżomm ruħi aġġornat f'dak kollu li jkun qed jiġri fil-Korp tal-Pulizija; u nħossni kburi meta l-Korp jikseb suċċess fil-ħidma tiegħu u daqstant ieħor nit-nikket meta ssir kritika nġusta lejn il-Korp. Fl-aħħar mill-aħħar, għalkemm 'il bogħod minn pajjiżi, membru tal-Korp tal-Pulizija kont, għadni u, jekk Alla jrid, nibqa' – għax kif iħobb itenni l-Kummissarju: *Once a policeman, always a policeman!* – u jien kburi li nagħmel parti mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta.


GUTENBERG
PREPRESS • PRINTING • POSTPRESS

Its all about Sales Drive, Continuous Investment and having Faith in our Staff.




Gutenberg Press Limited
Gudja Road, Tarxien PLA19, Malta - Europe
Tel: (+356) 21897037 Fax: (+356) 21800069
info@gutenberg.com.mt www.gutenberg.com.mt




medairco® EST. 1969

DAIKIN
AIR CONDITIONING

**Sole Agent & Distributor of Daikin Air Conditioning Equipment for the Maltese Islands**

Medairco Ltd. 55, Racecourse Street, Marsa HMR 17, Malta
Tel: (+356) 21 220715, 21 232068, 21 232077, 21 233023 Fax: (+356) 21 221351 www.daikin.com.mt


MARKS &
SPENCER
Sizzling Summer
Fantastic new ranges of swimwear, eyewear
and other beach accessories have just arrived.
Marks & Spencer Sliema & Valletta are open all day from: 9am to 7pm. Open late till 8pm on Saturday (Sliema only)



Insp. M. Spiteri
Amministrazzjoni

# Qrajtu l-Kodiċi t'Etika?

Issa li għaddiet sena minn mindu ġiet imqassma kopja tal-Kodiċi t'Etika lil kull membru tal-Korp, naħseb li kulħadd induna li dan il-ktejjeb ma fih xejn ta' barra minn hawn. Fil-fatt, il-Kodiċi t'Etika tagħna jista' jitqies bħala damma ta' prinċipji morali miġbura flimkien, segwiti b'kummentarju qasir b'vokabularju ħafif u b'sintassi sempliċi.

Għaldaqstant wieħed jitħasseb u jistaqsi: imma jekk inhu hekk, x'hemm bżonnu ktejjeb bħal dan?

Ir-risposta hi daqstant sempliċi.

L-iskop għala jinkitbu dawn il-kodiċijiet (mhux f'Korpi tal-Pulizija biss iżda f'kwalunkwe organizzazzjoni serja pubblika jew privata) hu sabiex tiġi elenkata dik l-imġieba mixtieqa f'kull membru li jkun jappartjeni għal dik l-organizzazzjoni jew grupp partikolari. Primarjament, kodiċi t'etika għandu jservi bħala gwida li jfakkarna ta' kif għanda tittieħed xi azzjoni u x'inhu mistenni minn kull membru tal-grupp.

Għaldaqstant l-istil ta' kitba f'kodiċi t'etika għandu jkun wieħed sempliċi u mexxej, b'vokabularju komuni u li jifhmu kulħadd. Il-kodiċi għandu jservi wkoll ta' mezz sabiex fost affarijiet oħra, jiġu diskussi fih xi każijiet diffiċli li jistgħu jiltaqgħu magħhom il-membri tal-grupp minn ħin għal ħin; jistabbilixxi u jirrinforza valuri komuni billi jwissi kontra ċertu tendenzi interni li jistgħu jinbagħtu u jassimillaw rwieħhom f'"kultura" speċjali fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll billi jħares kontra infuwenzi "ħziena" oħrajn li jistgħu jippermjaw għal fuq il-post tax-xogħol minn barra.

Il-Kodiċi t'Etika tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta ċertament li mhux l-uniku wieħed tat-tip tiegħu f'organizzazzjoni tal-pulizija. Insibu kodiċijiet oħrajn li jirregolaw l-imġieba ta' membri li jservu f'xi korp tal-pulizija, saħansitra anke' fuq bażi internazzjonali. Fost dawn hemm dak addottat mill-Assemblea Nazzjonali tal-Ġnus Maqgħuda kif ukoll dak ippromulgat mill-Kunsill ta' l-Ewropa.[1] Tajjeb li ngħidu li l-Kodiċi tal-Pulizija ta' Malta ġie mfassal fuq il-prinċipji etiċi misjuba f'dawn iż-żewġ kodiċijiet internazzjonali.[2]

Dan ma jfissirx li qabel ma addottajna l-Kodiċi tagħna, il-Korp tal-Pulizija Malti ma kienx josserva l-prinċipji morali li hu kien obbligat li josserva. Sa mill-bidu nett tat-twaqqif tagħna, jiġifieri aktar minn 190 sena ilu, insibu diġa' prinċipji li nistgħu nsejjħulhom "morali" jew "etiċi". Fost dawn insibu li fi Proklamazzjoni nru. XXII ta' l-1814, persuna ma setatx tiġi arrestata u miżmuma f'post ta' detenzjoni għal aktar minn 48 siegħa. Sas-sena 2005, dejjem addottajna bħala l-prinċipji morali tagħna, dawk li kienu joħorġu u jippermajaw mil-liġiijiet li ġew ippromulgati matul matul is-snin, ewlenin fosthom insibu l-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, l-Ordinanza (illum 'Att') dwar il-Pulizija u diversi liġijiet oħrajn.

Illum il-ġurnata, insibu pajjiżi Ewropej oħrajn li għadhom jaddottaw din il-linja u għad m'għandhomx kodiċi t'etika speċifiku għall-korpi tal-Pulizija tagħhom. Qiegħed nirreferi għal Portugal, l-Isvezja u l-Ingilterra.

Iżda aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qiegħed jiġi irrikonoxxut li minbarra t-taħriġ fl-Akkademji, il-ħruġ ta' kodiċijiet t'etika huwa mezz pożittiv ieħor sabiex wieħed jiżgura dik l-imġieba mixtieqa li tista' twassal għal *standards* aktar għoljin u aktar kompetenza professjonali fost id-diversi aġenziji tal-Pulizija.

Il-Korp tal-Pulizija tagħna wkoll nieda l-Kodiċi ta' l-Etika tiegħu. Iżda li tniedi u tqassam mhux biżżejjed. Biex sempliċiment wieħed jgħid li llum aħna qed naġġixxu bħal maġġoranza ta' pajjiżi barranin fejn kull membru tal-Pulizija Maltija għandu kodiċi (għalkemm għandi d-dubji tiegħi fuq dan il-fatt), ma jagħmilx sens. Wieħed irid jaqrah u jixtarru sew. Dan għaliex, il-prinċipji ta' dan is-sempliċi ktejjeb, minsuġa ma' affarijiet oħrajn li nsibu fil-karattru u n-natura ta' kull bniedem, jgħinu u jistgħu jwasslu biex aħna naħdmu aħjar u nkunu aktar kontabbli f'għemilna lejn dawk li aħna obbligati li nservu.

[1] Ara Riżoluzzjoni 36/169 ta' l-Assemblea tal-Ġnus Maqgħuda addottata fis-17 ta' Diċembru, 1979.
[2] Ara Riżoluzzjoni 690 (1979) – Parti 'A' – addottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa fit-8 ta' Mejju, 1979.



We put MALTA's SECURITY needs UNDER THE SPOTLIGHT
DEDICATED MICROS (MALTA) LTD
Technological developments pioneered by DEDICATED MICROS have formed the building blocks for the success of today's CCTV Industry. Those building blocks form the core architecture of DM's Networked Server Products. When you choose a DM product you buy DM's fundamental design philosophies.
MALTA INTERNATIONAL AIRPORT
WWW.dedicatedmicros.com
Industrial Estate, San Gwann. E-Mail: sales@dmicros.com.mt • For more information call
PSi Product of the Year Awards 2003 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS WINNER 2·0·0·2
DEDICATED MICROS
Tel: 21 483 673



Supt R. Vella Gregory
Is 6 Distrett

# Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa 2006

Żgur li fl-1992, l-ewwel darba li ttellgħet il-wirja tal-Mejda ta' l-Appostli fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, ħadd ma kien jobsor li din il-wirja kellha ssir tant popolari u tiġbed lejha tant eluf ta' nies. Ngħid għalija dan kien il-ħsieb li ġieni f'moħħi meta bdejt nara dawk in-nies kollha li bdew ġejjin jaraw il-wirja ta' din is-sena b'mod speċjali nhar Ħamis ix-Xirka u nhar il-Ġimgħa l-Kbira.



Kien fl-1992 meta nibtet l-idea li tibda ssir il-wirja. Il-Kumissarju ta' dak iż-żmien, il-mibki Alfred Calleja kien laqa' dan il-ħsieb fejn ta' l-approvazzjoni tiegħu biex il-wirja ssir. Fl-ewwel snin il-wirja kienet issir fis-sala fejn llum hemm il-Mużew ta' l-Istorja tal-Pulizija. Meta beda x-xogħol fuq il-mużew, il-wirja ġiet trasferita għas-sala Vilhena, fejn għadha ssir sal-llum.

Dik li darba kienet wirja sempliċi, maż-żmien bdiet tikber. It-tkabbir seħħ kemm fi żmien il-Kummissarju Calleja kif ukoll fi żmien l-eks Kummissarju G. Grech. Pero` kien biss fi żmien il-Kummissarju preżenti, u ċioe` is-Sur John Rizzo, li-l-wirja kibret kif nafuha llum. Minn wirja tal-Mejda ta' l-Appostli, issa għandna wirja dwar il-Ġimgħa Mqaddsa.





Nista' ngħid mingħajr tlaqliq u mingħajr ma' nħoss li qiegħed niftaħar, illi l-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-kwartieri Ġenerali tagħna mhux biss hija ta' livell għoli ħafna, kemm f'dik li hija arti, kif ukoll fil-preżentazzjoni, iżda hija waħda mill-isbaħ wirjiet li jittellgħu fil-gżejjer Maltin. Dan mhux qiegħed ngħidu jien minn jeddi jew għax involut fil-wirja. Dan qaluh dawk li ġew iżuru l-wirja, kemm bil-fomm kif ukoll b'kummenti miktuba fuq il-ktieb tal-Viżitaturi. Qaluh mhux biss Maltin jew Għawdxin iżda qaluh ukoll barranin li żaruna. Ħafna kienu dawk li espremew l-iskantament tagħhom kif il-Pulizija kapaċi jtellgħu wirjiet ta' din il-kwalita`. Kien hemm ukoll min kien xi ftit xettiku li fid-Depot se jsib dawn l-affarijiet, iżda mbagħad ħareġ mhux biss sodisfatt kif ukoll wera' x-xewqa li jerġa' jiġi fil-ġejjieni.

Fost in-nies prominenti li żaru l-wirja din is-sena kien hemm l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi, il- Viċi Prim Ministru Dr. Tonio Borg, li wkoll fetaħ il-wirja uffiċjalment nhar id-Duluri, jiġifieri fis-7 t'April 2006, Dr Gavin Gulia, kelliem ewlieni ta' l-Oppozizzjoni għall-Intern, membri tat-tmexxija tal-Malta Labour Party, u s-sorpriża ta' din is-sena kien l-Isqof t'Għawdex Monsinjur Mario Grech. Ngħid sorpriża għaliex, biex ngħid hekk, sibnih fostna l-Erbgħa 12 ta' April fil-għodu mingħajr ma konna preparati. Monsinjur Isqof Grech mhux biss ħa nteress fil-wirja iżda żar ukoll il-kappella li dak il-ħin kien qed jiġi mħejji l-Altar ta' ripożizzjoni, kif ukoll għamel talb quddiem Ġesu` Sagramentat.

Semmejt in-nies li ġew iżuru l-wirja u l-kummenti tagħhom, apparti l-eluf ta' Maltin u Għawdxin li ġew, kien hemm persuni oħra minn pajjiżi diversi fosthom ir-Renju Unit, l-Italja, l-Kanada, l-Istati Uniti, l-Awstralja, l-Olanda, l-Germanja, Dubai, Franza, r-Russja u l-Ġappun. U jekk niġi għall-mijiet ta' kummenti fil-ktieb tal-viżitaturi, huwa żgur impossibli li nsemmihom kollha f'dan l-artiklu. Pero` l-aktar kumment komuni kien "wirja eċċelenti" u " prosit lill-Pulizija".



Jien minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom għal dan is-suċċess. Grazzi lil-Kummissarju u d-Deputat Kummissarju għal interess u l-inkoraġġament tagħhom, apparti li jipprovdulna dak kollu li jkollna bzonn. Grazzi lis-Surġent Mario Ebejer, il-Kuntistabbli Pierre Bugeja u l-Kuntistabbli Mario Muscat għal ħila u d-dedikazzjoni tagħhom. Grazzi wkoll lill-Kappillan tal-Korp Fr. Raymond Bonnici kif ukoll lil membri tat-Taqsima tat-Trades u dawk tas-CMRU għal għajnuna tagħhom. Nirringrazzja wkoll lil-Media li tawna l-opportunita` nippromwovu din l-attivita`.

Jekk int ġejt tara l-wirja nispera li ħadt miegħek il-messaġġ li xtaqna nwasslu u ċioe` dak ta' mħabba u paċi. Jekk ma ġejtx, nispera li narawk sena oħra.

# malta stock exchange



**The Malta Stock Exchange forms an important part of the local financial sector and is at the forefront of Malta's drive to become a major international financial centre.**

## LEGAL AND REGULATORY FRAMEWORK

- Internationally recognised legislative and regulatory standards

## ADMISSION

- Simple and flexible regulations
- Fast admission process
- Competitive fees

## TRADING

- Multi-currency/multi-instrument electronic trading system
- Transparent and regulated markets
- Straight through processing
- Integrated surveillance system

## BACK OFFICE SERVICES

- Clearing and Settlement
- Dematerialised Central Securities Depository offering a variety of services
- Legal services
- Dissemination of market and company information

FIDEM INTEGRITAS PARIT

BORŻA TA' MALTA
MALTA STOCK EXCHANGE

**For further information on the organisation of the MSE, legal and regulatory framework, policies, services, statistics and other information kindly view www.borzamalta.com.mt or else contact the Exchange at: Garrison Chapel, Castille Place, Valletta CMR 01, Malta.**
**Tel: (00356) 2124 4051, Fax: (00356) 2569 6316, E-mail: borza@borzamalta.com.mt**

# Apprezzament

ŻEJTUN
Città Beland

KUNSILL LOKALI ŻEJTUN

Ref: ACT/CULT/JZ

L-24 ta' Marzu, 2006

**Sur John Rizzo**
***Kummissarju***
Korp tal-Pulizija
Floriana

Ghaziz Sur Rizzo

Ghan-nom tas-Sindku Joe Attard, il-Vici Sindku Joan Agius u l-Kunsill Lokali taz-Zejtun nizzi hajr lill-Kopr tal-Pulizija ghall-appogg u l-ghajnuna li tajtuna fl-attivita' li tellanja ghall-familja f'Hal Tmiem nhar is-Sibt it-18 ta' Marzu, 2006

Il-partecipazzjoni tat-taqsima taz-zwiemel, tat-taqsima tal-klieb u tat-taqsima tat-traffiku interessat lil dawk prezenti b'mod spejcali lit-tfal li b'herqa kbira segwew l-esibizzjonijiet li tajtu bhala korp, kif ukoll il-messagg pozittiv li wassaltu. Nizzu hajr ukoll lill-Pulizija ta' l-Ghassa taz-Zejtun ta' l-appogg u l-ghajnuna li tawna, b'mod partikolari lill-Ispettur Jospeh Agius li kien prezenti wkoll waqt din l-attivita'.

Inselli ghalik u nizzik hajr mill-gdid.

Reuben Seychell
Segretarju Ezekuttiv

## Prompt police action

*From Ms Lina Caruana*

THE Police Mobile Squad and the emergency unit deserve to be congratulated for their efficient service in responding to a telephone call.

Prompt action was taken as soon as a first message was received. Even more so because the call occurred through a mishap of new alarm settings and the police took immediate action within moments, also before an apology call was received seconds later.

Even if no great mishap occurred, credit is due to the police force for their quick response in times of need. All of society should be thankful that such personnel in the police force are present and active. Thank you for your prompt and loyal service to the country.

L. CARUANA
Tarxien.

The Sunday Times 30/04/06

The Comm. of Police.
Police Head Quarters.
Floriana.

Dear Sir.

Mobile Squad - G112 - GVP 536

While driving through Notary Zarb Street, Attard, I observed the eff[...] of your staff, who I admired.

I was driving behind the above mentioned vehicle on 7th, April 200[...] admired the way which it drove towards a zebra crossing, which [...] schoolchildren and their teachers.

One of the police officers stopped one side of the traffic, and th[...] opposite lane.

Your staff members were smart, and did a good job.

Yours Faithfully,

A. I. Cassar

Kunsill Lokali msieheb fl-Assocjazzjoni Bliet Storici Maltin u l-European Associatio[...]

CHILDREN'S CANCER SUPPORT GROUP
PUTTINU CARES
Supported by HSBC Cares for Children Fund

5 April 2006

Mr John Rizzo
The Commissioner of Police
General Headquarters
Floriana

Dear Mr Rizzo

On behalf of Puttinu Cares – Children's Cancer Support Group I would like to thank you for allowing members of the Police Force to take part in the 60 hour Football Marathon at the Marsa Sports Ground.

Could you please pass on our thanks to PS772 Dennis Agius and his team from the Police Dog Section for the wonderful display they put on which was appreciated by all those attending.

Yours sincerely

Toots Birch
Secretary

Wonderland Ward
St. Luke's Hospital
[G]uardamangia, Malta.
[P.O.] Box 24 Naxxar, Malta.
[...]2125 5670
[...]2124 0176
info@puttinucares.org
www.puttinucares.org

San Andrea
School

1st February 2006

The Commissioner of Police
Malta Police Force
Police General Headquarters
Floriana CMR 02

Dear Sir

Our school has dedicated the month of January to Health and Safety. We w[...] take the opportunity to thank you wholeheartedly for the memorable experien[...] our Early and Middle School children during the three-day events held [...] safety.

A special thanks goes to Sergeant John Micallef Engerer and all the [...] Traffic Section, Forensic Section, Mounted Section and the Dog Sectio[n] [...] the events. We would also like to thank the speakers who held very [...] parents and children.

Thank you for making this programme possible.

Yours sincerely

Dorothy Lapira
Head of Early & Middle Years

[...] the Parents [...]
[...]MST 11, Malt[a] [...]
[...] e-mail [...]

30/04/06

[Pol]ice G.H.Q
[F]loriana
CMRU office

To whom it may concern

With reference for a case that occured on thursday 27th April 2006, fixing up a problem that I encountered with my car at approximately 22.30 p.m at limits of Naxxar, I thank a lot PC 931 Mr. Carmel Zarb and PC 1068 Mr Bernard Wood for not leaving me unassisted in the middle of a main Road. I really appriciated their help and thank you once again

Best Regards
Maris Mangion

## Efficient fraud squad

*From Mr Mark Gatt*

MY CHINESE friend, Zhao Qi Xing, recently applied for a credit card which she never received as it was stolen in the post. The thief went on a shopping spree, defrauding my friend of a substantial amount of money.

In a relatively short time, the Police's Economic Crimes Unit, led by Inspector Kevin Borg, with WPS 95 Jeanne Farrugia and PC 344 Chris Vella, solved the case and the offender has been caught.

On behalf of Ms Zhao, I congratulate and thank these diligent officers for a job well done.

M. GATT
Qawra.

The Sunday Times 26/3/06

# Laqgħat bejn il-Kummissarju u l-Pulizija fid-Distretti

Dan l-aħħar il-Kummissarju tal-Pulizija għamel laqgħat mas-Surġenti u l-Kuntistabbli tad-Distretti kollha f'Malta. Dawn il-laqgħat saru fuq inizjattiva tal-Kummissarju stess sabiex ikun hemm diskussjoni diretta bejn iż-żewġ naħat kif ukoll sabiex l-informazzjoni tasal direttament għand kull membru tal-Korp. Hemm il-ħsieb li dawn it-tip ta' laqgħat isiru ukoll mad-diversi sezzjonijiet fi ħdan il-Korp.

Il-laqgħat intlaqgħu tajjeb ħafna mill-membri tal-Korp, fejn il-Kummissarju ta informazzjoni dwar dak li qed jiġri fil-Korp kif ukoll il-membri preżenti setgħu jikkummentaw u jsemmgħu d-diffikultajjiet li jiltaqgħu magħhom fil-ħidma ta' kuljum direttament lill-Kummissarju. Fil-fatt minn dawn il-laqgħat ħarġu ħafna suġġerimenti kostruttivi fil-waqt li f'kull laqgħa ittieħdet nota ta' kull suġġeriment u ilment li sar ħalli tkun tista' tittieħed azzjoni dwarhom.

F'dawn il-laqgħat il-Kummissarju ħabbar diversi sistemi li se jiġu introdotti fil-futur qarib. Il-Kummissarju spjega fit-tul il-proposta ta' xift ġdid. Il-Kummissarju spjega li jekk dan ix-xift ma kienx se jiġi approvat mill-maġġoranza assoluta tal-membri dan jitwaqqaf minnufih. Wara li saru d-diskussjonijiet dwar il-proposta, l-maġġoranza assoluta tal-membri f'kull distrett qablu li dan ix-xift għandu jiġi introdott. Fil-fatt issa dan ix-xift il-ġdid qed jitħaddem f'kull Distrett tal-Pulizija f'Malta.

Il-Kummissarju tkellem ukoll fuq l-introduzzjoni mill-ġdid tar-rank tas-Surġenti Maġġuri u fisser aħjar il-dmirijiet tagħhom. Tħabbret ukoll l-introduzzjoni tal-PIRS 2, sistema kompjuterizzata u moderna li se tkun faċli biex kull membru jkun jista' jużha. Din is-sistema għandha tiġi introdotta fix-xhur li ġejjin. Se jiġu introdotti ukoll sistemi kompjuterizzati anki fil-vetturi tal-Mobile Squad sabiex jitħafef ix-xogħol u ċertu informazzjoni tkun aċċessibli immedjatament. Sistema oħra ġdida li se tiġi introdotta u li ukoll ġiet milqugħa tajjeb mill-membri tad-Distretti hija li kull uffiċjal tal-Pulizija se jingħata munizzjon, faċilita' ta' range u instructor sabiex jkun jista' jipprattika l-isparar frekwentament.

Il-Kummissarju tkellem ukoll dwar id-diversi issues personali li qed jingħataw lil kull membru tal-Korp bħal manetti, radios, raincoats, luminous vests u dwar il-ħsieb li jingħataw issues oħra ġodda bħal torches u bulletproof vests. Il-Kummissarju tkellem ukoll f'suġġetti oħra varji inkluż dwar iċ-ċertifikati ta' mertu, dwar il-medalja għas-servizz twil u effiċjenti, dwar roadblocks u inspections, dwar l-ordnar u l-iskorti, dwar l-MPA u suġġetti oħra varji.

Il-Kummissarju saħaq fuq id-dmir u d-dover ta' kull membru lejn is-soċjeta' u dwar l-importanza li kulħadd għandu jagħmel ħiltu biex itejjeb ix-xogħol tiegħu u biex jitjieb is-servizz li nagħtu liċ-ċittadin.

Wara l-introduzzjoni tal-Kummissarju l-membri tad-Distretti ressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom li kif diġa' semmejna dawn kienu kostruttivi ħafna u kienu dwar diversi suġġetti inkluż il-ħtiġijiet ta' kuljum fl-għases u fil-vetturi tal-Korp, skorti, ordnar u diffikultajiet oħra li jinqalgħu ta' kuljum. Dwar dawn il-punti li tqajmu qed tittieħed azzjoni sabiex fejn hemm lok, l-affarijiet jitranġaw għall-aħjar tal-membri tal-Korp, tal-pubbliku kif ukoll tas-servizz inġenerali.

Ħadna kumment żgħir mingħand kuntistabli tal-Korp li kien preżenti waqt waħda mill-laqgħat, fejn qalilna l-laqgħa kienet kordjali ħafna u fil-fatt ħadd ma kien qed jistenna dawn it-tip ta' laqgħat mal-Kummissarju. Irriżultat kien li l-membri ħadu gost b'din l-inizjattiva tal-Kummissarju kif ukoll bix-xift il-ġdid. Ħaġa oħra hija li l-membri jixtiequ li titieħed azzjoni fuq l-ilmenti u l-proposti li għaddew lill-Kummissarju għall-ġid ta' kulħadd.



# MONEY SAVING. ENERGY SAVING.

There isn't a better time to save on your electricity bills then today. With electricity prices rising due to rocketing fuel prices and your consumption patterns demanding more electricity supply, there is one clean solution for you.

In line with government policy to promote renewable and clean energy, the Malta Environment & Planning Authority (MEPA) has introduced policy guidance to encourage the installation of solar water heaters, photovoltaic (PV) cell systems and other energy conservation methods in urban areas.

The government and local banks are offering financial incentives to assist you in the initial investment. Be wise today and help make tomorrow's air quality cleaner.

**START SAVING TODAY - HERE IS A TIP**
**Replace your light bulbs with energy saving ones: just one can reduce your lighting costs over the lifetime of the bulb - and they last up to 12 times longer than ordinary light bulbs.**

MEPA

www.mepa.org.mt




Second to none in quality and dependability, Siemens home appliances stand at the forefront of technological progress combining innovative thinking, precision engineering and timeless, modern design to create the world's most advanced home appliances.

aplan
your home for life

Aplan Centre, B'kara by pass, B'kara. Tel: 2148 0590

SIEMENS



Fr Raymond Bonniċi
OFM, Cap

# Messaġġ mill-Kappillan tal-Korp

***"Ejjew intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom"***

*Mattew 11,28*

Minn hawn u ftit ġimgħat oħra jibda s-sajf u filwaqt li għal ħafna huwa żmien ta' vaganzi u mistrieħ mhux bilfors huwa hekk għall membri tal-Korp tal-Pulizija. Is-sajf iġib ħafna impenji oħra lill-Pulizija ma' dawk li diġa jkollhom matul is-sena. Dan minħabba li jibdew il-festi fl-irħula u l-bliet tagħna.

Dawn il-festi, filwaqt li għandhom skop reliġjuż biex jgħinuna niċċelebraw il-twemmin tagħna, għandhom ukoll l-aspett soċjali biex nifirħu flimkien. Forsi min qiegħed jaqra dawn il-kelmtejn f'qalbu qiegħed jgħid imma x'rabta hemm mal-kliem ta' Ġesu mill-Evanġelju ta' San Mattew u l-festi tagħna? Rabta diretta mal-festi forsi m'hemmx biss xtaqt li jkun punt ta' tluq biex magħkom nirrifletti fuq bżonn importanti li lkoll kemm aħna neħtieġu fil-ħajja.

Qiegħed nirreferi għall bżonn meta fil-ħajja nagħrfu li nkunu għabbejna wisq lilna nfusna b'toqol li f'mumenti jista' jkun wisq biex inġorruh. Hu ferm importanti li nagħrfu wkoll nsibu metodi u mezzi kif nieħdu ġustament il mistrieħ tagħna. B'hekk nkunu nistgħu nkomplu bil-ħajja u l-ħidma tagħna. Mistrieħ mhuwiex għażż!!! Hawn min jgħid li x-xogħol salmura tal-ġisem u l-għażż balzmu!!!! Għalhekk miniex nitkellem biex wieħed jitgħażżen fil-ħajja għax il-probabilta' hija li ħaddieħor se jitgħabba b'iżjed xogħol. Minbarra li dan huwa dnub, iwassal sabiex joħloq ħafna tensjonijiet fuq il-post tax-xogħol.

Ilkoll ngħixu stili differenti ta' ħajja u għandna responsabiltajiet diversi u għaldaqstant ikollna bżonnijiet differenti u minn dan toħroġ il-ħtieġa li nippruvaw nifhmu iżjed lil xulxin. Kull stat ta' ħajja jitlob li jkun hemm mumenti ta' mistrieħ. Din hi ħtieġa bħalma raġel u mara miżżewġa għandhom isibu *quality time* għall-familja tagħhom.

Ġesu jseħħilna biex niġu għandu għax nkunu "mħassbin u mtaqqlin". U ngħiduha kif inhi, meta jiġrulna fatti fil-ħajja tagħna li jħasbuna jew meta tolqotna xi sajjeta fil-bnazzi, nitfixklu. It-toqol tar-realtajiet konkreti li nħabbtu wiċċna magħhom fil-familji u fuq il-postijiet tax-xogħol ikomplu jżidu piż fuqna biex inġorruh. Hemm affarijiet li fil-ħajja tagħna jiġu fuqna mingħajr ma jkun tort tagħna. Quddiem dawn il-ħwejjeġ jista' jkollna saħħa fiżikamentali u emozzjonali biżżejjed biex nifilħu għalihom jew inkella inħossuhom wisq kbar li quddiemhom nitfixklu. Il-problemi li jiġu f'ħajjitna jeħtieġ nindirrizzawhom u mhux nidfnuhom. Meta ngħid nindirizzawhom mhux neċċessarjament nifhem insolvuhom mija fil-mija. Dan għax irridu nifhmu li aħna limitati u ċertu affarijiet irridu nitgħallmu ngħixu bihom u ma nħalluhomx ikissruna. Quddiem dan it-toqol irridu ngħarrfu nkunu iżjed sensittivi għal xulxin.

Xi ħaġa li mportanti nżommu f'moħħna hi li mhux kull min ikun għaddej minn sitwazzjonijiet diffiċli għandu jħossu obbligat li jgħid lil kulħadd minn dak li għaddej. Għandna nirrispetaw il ġudizzju ta' min hu responsabbli meta jittieħdu ċertu deċizjonijiet biex dawn il-persuni jiġu mgħejjuna. M'għandniex nħallu li jiddaħħlu suspetti u dubji jew jingħad diskors iebes fil-konfront ta' min ikun qiegħed ibati għax tassew Alla l-imbierek biss ikun jaf min dak li jkun għaddejjin uħud minna fil-ħajja.

Ikun għaqli iżjed jekk ninvestu l-enerġija u d-diskors tagħna fuq affarijiet sbieħ li jeżistu f'kull wieħed u waħda minnkom biddoni li l-Mulej żejjinkom bihom u nfittxu lilu kif nafu l-aħjar biex tassew insibu il-mistrieħ għal ruħna u ġisimna. Jalla matul il-ħajja ngħarfu nieħdu l-mistrieħ fil-Mulej u nkomplu nissaħħu biex il-vjaġġ f'din il-ħajja ikun wieħed sabiħ u waqt it-tlajja u l-inżul nitgħallmu li llkoll kemm aħna f'baħar wieħed.

Permezz ta' dawn il-kelmtejn nil-taqa' magħkom perjodikament iżda nagħmel il-ħila tiegħi kollha biex inkun nista' nżurkom fit-taqsimiet u l-għases fejn kuljum taħdmu biex taqilgħu il-ħobżna ta' kuljum għalikom u l-familji tagħkom. Grazzi lil kull wieħed u waħda minnkom li tagħtuni l-privileġġ li naqsam ħajti magħkom.

Nawgura li Jum il-Pulizija, li niċċelebraw flimkien fit-12 ta' Lulju ikun jum li fih u matul is-sena kollha "il-Mulej jmexxina" kif jgħid il motto li iġġoru fuq l-arma tal-Korp. Il-Mulej ibierek lilek u l-għeżież tiegħek.





INCOMPARABLE EXQUISITE EXCLUSIVE

BACCHUS
FINE DINING

INGUANEZ STREET - MDINA

Reservations 21 454981 E-mail: reservations@bacchus.com.mt
www.bacchus.com.mt



AC L. Cauchi
Amministrazzjoni

# Żjara Uffiċjali f'Budapest, l-Ungerija minn Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, akkumpanjat mill-Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi, temm żjara uffiċjali ta' jumejn f'Budapest, l-Ungerija, fuq stedina li saritlu mis-Sur Danielisz Béla, il-President tal-Kumitat fi ħdan id-Dipartiment tad-Difiża u s-Sigurta' fil-Muniċipalita' ta' Budapest u l-Kap tal-Pulizija ta' l-Ungerija, il-Ġeneral Maġġur Dr. Bene László. L-skop prinċipali ta' din l-istedina kien sabiex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Korpi tal-Pulizija taż-żewġ stati, kif stabilit permezz ta' ftehim bilaterali li kien ġie ffirmat bejn il-Ministri ta' l-Intern rispettivi fit-18 ta' Mejju 2000 f'Budapest.

Matul din iż-żjara, li seħħet fit-3 u 4 ta' Mejju 2006, id-delegazzjoni Maltija kellha program intensiv li kien ikopri żjarat f'diversi taqsimiet tal-Pulizija, u diskussjonijiet ma l-uffiċjali nkarigati minn dawn it-Taqsimiet. Dan il-programm ġie mfassal mill-awtoritajiet Ungeriżi fuq talba li saritilhom mis-Sur John Rizzo.

Matul il-ġurnata tat-3 ta' Mejju, 2006, id-delegazzjoni Maltija kellha l-opportunita' li:

- Tiltaqa' mall-Brigadier Ġenerali Bendes Guözö inkarigat mit-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni, fejn ġiet diskussa l-problema ta' l-immigrazzjoni rregolari fiż-żewġ pajjiżi. Ġie wkoll diskuss il-proċess li qed isir miż-żewġ pajjizi sabiex jippreparaw ruħhom għal meta jsiru membri tas-Schengen.
- Id-delegazzjoni Maltija kellha l-opportunita' li żżur il-Kwartieri Ġenerali tal-Border Guards, kif ukoll tara x-xogħol li jsir minn din it-Taqsima fl-ajruport internazzjonali ġewwa Ferihegy.

Tippartecipa fl-attivita' li ssir kull sena li tikkommemora t-Taqsima tat-Tifi tan-Nar. Matul din l-attivita' akkumpanjati mill-banda ta' din it-Taqsima, diversi persuni distinti jpoġġu kuruni quddiem l-istatwa ta' San Florian, il-protettur tal membri ta' din it-Taqsima. Matul din iċ-ċerimonja, d-delegazzjoni Maltija wkoll ippartecipat billi poġġiet kuruna bil-kuluri tal-bandiera Maltija.



Il-Kummissarju waqt laqgħa li kellu ma' Dr Bene Laszlo

- Tkun mistiedna għal ikla offru ta minn Danielisz Béla, il-President tal-Kumitat, fi ħdan id-Dipartiment tad-Difiża u s-Sigurta', flimkien ma membri oħra minn dan il-kumitat. Matul din l-ikla ġew diskussi dawk l-oqsma fejn seta' jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn iż-żewġ pajjizi.
- Żgur il-Kwartieri tat-Taqsima Speċjalizzata fejn barra milli ngħatat preżentazzjoni dettaljata minn Dr. Dobozi József, Brigadier Ġenerali nkarigat minn din it-Taqsima, dwar ix-xogħol li tagħmel din it-taqsima, kellna wkoll l-opportunita' li nsegwu display mill-Iskwadra Speċjalizzata dwar il-protezzjoni tal-V.I.P.s. Wara d-delegazzjoni Maltija ġiet murija d-diversi armamenti, makkinarju u vetturi li jintużaw minn din it-Taqsima. Waqt din iż-żjara, d-delegazzjoni segwiet ukoll it-taħriġ ta' skwadra speċjalizzata magħmula kollha minn Pulizija nisa.

Tkun mistiedna għall-pranzu offrut mill-President tal-Kumitat, fejn kien hemm ukoll mistieden Dr. Bernáth Mihály, id-Direttur ta' l-Akkademja tal-Pulizija ġewwa Budapest. Barra milli ġew diskussi l-korsijiet ta' taħriġ li jsiru fl-Akkademji rispettivi taż-żewġ pajjiżi, ġiet ukoll diskussa l-possibilita' li jsir bdil ta' membri tal-Pulizija miż-żewġ pajjiżi sabiex ikollhom l-opportunita' jagħmlu perijodu ta' taħriġ u jieħdu esperjenzi ġodda f'pajjiż differenti. Matul il-jum ta' l-4 ta' Mejju, 2006, id-delegazzjoni Maltija:

- Żaret il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija ġewwa Budapest, fejn ġiet milqugħa mill-Kap Kmandant Gergényi Péter li spjega l-istruttura tal-Korp, kif ukoll ta dettalji dwar it-tliet proġetti ewlenin li kien qed isegwi l-Korp matul dawn l-aħħar tliet snin. Dawn kienu jirrigwardaw;

1. L-introduzzjoni ta' aktar Pulizija viżibbli fit-toroq – Qed isir tnaqqis ta' pulizija li jagħmlu xogħol amministrattiv fl-uffiċini, u minflok kienu qed jintbgħatu jippattroljaw it-toroq;

2. Modernizzar ta' l-Organizazzjoni – Qabel ma' l-Ungerija saret membru sħiħ ta' l-Unjoni Ewropeja, sabiex ikun jista' jsir dak ix-xogħol kollu li titlob il-popolazzjoni:

- ġie mnaqqas sostanzjalment in-numru ta' fizzjali fil-Korp, li ġew sostitwiti minn kuntistabblijiet;
- Żdiedet il-flotta ta' vetturi li jippattroljaw il-kapitali u ġiet introdotta l-GPS Locator System sabiex ikun hemm aktar kontroll tal-vetturi kollha tal-Korp;
- ġiet introdotta skwadra ta' pulizija pajżana li x-xogħol ewlieni tagħhom huwa li jiġbru kwalunkwe nformazzjoni valida sabiex jiġu solvuti d-delitti serji.Il-membri ta' din l-iskwadra jkunu l-ewwel nies li jmorru fuq il-post tad-delitt;
- ġew introdotti wkoll il-patrols madwar kif ukoll ġewwa il-bini ta' żoni kbar ta' abitazzjoni, u tingħata attenzjoni speċjali tal-


PERFECTION LIES AT YOUR FEET!
KAINDL ONE
Extremely hard-wearing resistant to abrasion and impact whilst also being simple to install and easy to clean.
KAINDL
FLOORING
M.DEMAJO
group
M. Demajo (Timbers) Ltd,
Olive Square, Qormi
Suppliers of Laminated,
Synthetic & Bamboo Flooring
Tel: 21 487078 Fax: 21 498404
E-mail: awarr@timb.demajo.com


New Gas Heating System
SAVE ELECTRICITY
Gas Water Heater
• Hot water instantaneously.
• Supplies more than one outlet.
• Powered by 1.5V Battery.
• No Electricity Required.
• Smoke Safety device.
Gas Boiler for Central Heating
• Cast Iron Boiler.
• Glass-lined Steel Hot Water Storage Tank.
• Can supply a whole House/Villa.
• Safety devices incorporated.
ALL UNITS CONFORM TO THE LASTEST CE STANDARDS
MCE LIMITED
Your Guarantee to Quality Products
MCE House, Triq L-Industrija, Qormi. Tel: 2148 6213, 2144 1275.
Fax: 2148 6184 Email: sales@mcemalta.com www.mcemalta.com
Celebrates 30 years
Your guarantee to quality Products



Il-Kummissarju mal-membri tal-kumitat fi ħdan id-Dipartiment tad-Difiża u s-Sigurta' u mal-Kap tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar

ħwienet iż-żgħar li jinsabu fil-pjan terran ta' dan il-bini, kif ukoll fil- parks u car parks f'dik iż-żona. Il-patrols isiru bil-mixi, bir-roti kif ukoll bil-vetturi. Kemm ilha li ġiet introdotta din is-sistema, is-serq mid-djar, stores u mill-karozzi naqas drastikament.

3. Introduzzjoni ta' 3 Reġjuni - Ġew imnaqqsa n-numru ta' Għases, u l-pulizija intbgħatu jippattroljaw f'dawn it-tliet reġjuni fejn issa hemm aktar pulizija viżibbli li għenu sabiex ir-rati ta' kriminalita' jaqgħu konsiderevolment. Għad baqa' għassa waħda miftuħa f'kull wieħed minn dawn it-tliet reġjuni.

Il-Kap Kmandant spjega li l-pick-pocketing l-aktar minn persuni ta' nazzjonalita' Rumena, kienet u għadha qed toħolqilhom problema, u għaldaqstant ġiet introdotta skwadra apposta magħrufa bħala l Pickpocketing Unit li jaħdmu pajżana f'postijiet li jiġġeneraw ħafna nies bħal ma huma s-Swieq Miftuħa, il-pjazez, il-parks, u li stazzjonijiet tat-trasport. Il-Kap Kmandant anki offra lis-Sur John Rizzo sabiex jekk irid jibgħat xi żewġ membri mill-Pulizija Maltija sabiex jieħdu esperjenza f'dan il-qasam.

Żaret il-Control Room fil-Kwartieri Ġenerali fejn jittieħdu r-rapporti kollha anki dawk ta' emerġenza, u mnejn jiġu ddispaċċjati t-taqsimiet relattivi. L-operaturi f'dan il-post,barra milli jirrispondu t-telephone u jirċievu t-telefonati, jikkontrollaw permezz tal-GPS il-moviment tal-vetturi kollha tal-Korp, jiġbru wkoll li statistika tar-reati li jiġu rrapurtati.

Żaret it-Taqsima tal-Investigazzjonijiet Kriminali fejn ġie spjegat li struttura ta' din it-Taqsima, l-iskwardi li jiffurmaw din it-Taqsima kif ukoll ix-xogħolijiet li jwettqu dawn li skwadri, kif ukoll it-tipi ta' reati l-aktar kommuni f'dan il-pajjiż, u kif il- membri ta' dawn l-iskwadri jikkumbattu dawn ir-reati.

Żaret il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Nazzjonali fejn ltaqgħet ma' Dr. Bene László, id-Direttur Ġenerali li għandu t-tmexxija tal-Pulizija Nazzjonali ta' l-Ungerija. Is-Sur John Rizzo u Dr. Bene László kellhom diġa konoxxjenxa tajba ta' xulxin peress li jiltaqgħu regolarment kull 3 xhur waqt il-laqgħat tat-Task Force għall-Kapijiet tal-Pulizija ta' l-iStati Membri ta' l-Unjoni Ewropeja. Dr. Bene László ta' spjegazzjoni dwar kif strutturat il-Korp tal-Pulizija madwar l-Ungerija u x-xogħol ta' modernazzjoni li qed jitwettaq. Huwa wera x-xewqa li jsir trattat ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ Korpi sabiex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni nternazzjonali.



Il-Kummissarju jiġi ntervistat mill-ġurnalista ta' Channel 1

- Żaret il-Budapest Public Place Control fejn ġew milqugħa minn Dr. Barna Sándor, l-Executive Manager, li spjega x-xogħol li jsir mill-Ispetturi mpjegati ma' dan id- Dipartimenti. Dan ix-xogħol huwa simili ħafna għal dak li jagħmlu l-Local Wardens hawn Malta. Filfatt, dawn ukoll ma jiffurmawx parti mill-Korp tal-Pulizija, u jaħdmu dirett mal-Gvern Lokali.

- Żaret l-Għassa tal-Pulizija fit-8 Distrett li tinsab f'waħda mill-aktar żoni fqar f'Budapest u fejn sa ftit taż-żmien ilu tant kien hemm kriminalita' illi r-residenti bdew jitilqu u l-ħwienet bdew jagħlqu. Din iż-żona kienet magħrufa għall-prosttuzzjoni, ħmieġ, abbużi ta' droga, serq, u reati vjolenti. Kien f'din iż-żona li beda t-turiżmu ta' prostituzjoni f'Budapest. Il- Korp tal-Pulizija kien ġie mitlub li jsolvi din il-problema tal-prostituzzjoni bħala kundizzjoni li kienet għamlet l-Unjoni Ewropeja qabel l-Ungerija setgħet issir membru. Fil-fatt, bl-għajnuna tal-Gvern Lokali, inxtraw 96 CCTVs li ġew installati kwazi f'kull triq f'din iż-żona, li bdew jiġu immonitorjati 24 siegħa kuljum minn membri tal-Pulizija, b'riżultat illi ħafna mir-reati ġew ikkontrollati, jew meta seħħew ġew solvuti fi ftit ħin.

Waqt din iż-żjara, is-Sur John Rizzo ġie ntervistat minn ġurnalisti ta' Channel 1, l-istazzjon nazzjonali, u ta' Danube Channel.

Din iż-zjara għalqet permezz ta' pranzu li għalih attendew il-Local Counsellor tal-Gvern Lokali flimkien ma' membri tal-Kumitat mid-Dipartiment tad-Difiża u Sigurta', kif ukoll uffiċjali għolja mill-Korp tal-Pulizija.

# Tislima lill-Kelb tal-Pulizija RAMBO

Nhar it-Tnejn 13 ta Marzu, 2006, is Sezzjoni tal-Klieb kif ukoll il-Korp tal-Pulizija tilef pedina mportanti mis-servizz, meta il-Kelb Rambo ġie mraqqad wara marda li kienet ħakmitu.

Rambo kien ingaġġat fil-Korp tal-Pulizija madwar 9 snin ilu fejn kien imħarreġ għat-tfittix tad-droga.





Tajjeb li minn din il-paġna nagħtu rikonoxximent lil dan il-kelb li tant kellu suċċessi fil-karriera tal-Pulizija, fosthom f'numru ta' qbid ta' droga li kienet qed tiġi mpurtata minn barra minn Malta. Fost il-ħidmiet u s-suċċessi ta' Rambo wieħed isib qabda ta' droga li kienet ġewwa vettura fis-Seaport, u qabda oħra ta' droga li saret b'kolaborazzjoni mal-membri mit-Taqsima ta' Kontra d-Droga li kienet tinsab moħbija taħt borġ xaħx ġewwa maħzen f'Tal-Ħandaq.





Get ready for the World Cup 2006
The Official Anthem CD of the WORLD CUP available at Lm1.95
IL DIVO WITH TONI BRAXTON THE TIME OF OUR LIVES
Also available previous WORLD CUP CD Anthems all at each Lm1.95
3 Lions '98
FAT LES 2000
WORLD CUP SOCCER HIGHLIGHTS DVD COLLECTION 1966-1974
WORLD CUP SOCCER HIGHLIGHTS DVD COLLECTION 1978-2002
GREATEST MOMENTS IN WORLD CUP HISTORY
FIFA FEVER
WORLD CUP DVD'S FOR SALE
Record your favourite WORLD CUP games with maxell BLANK VIDEOS
maxell M 120 MEGA POWER TAPE 2 HOURS 79c
maxell M 180 MEGA POWER TAPE 3 HOURS 89c
maxell M 240 MEGA POWER TAPE 4 HOURS 99c
exotique
SLIEMA 21331775
BALZAN 21446159
ENERGY 21241349
AIRPORT 21673163
BAY STREET 23721600
CITY GATE 21237062
ARKADIA (Gozo) 21558333
HAMRUN 21224605
NOW ALSO OPEN IN PJAZZA SAVINA VICTORIA GOZO TEL: 2156 2998
www.exotique.com.mt


SOMETIMES SEATS
JUST GET IN THE WAY. THE NEW COLT.
Adventures come in many sizes. And with flexible-seat technology you have room for each and every one of them. A full array of easy-to-maneuver seat arrangements gives you all the room you need and more. Just one of the ways life's more exciting inside a Colt. www.newcolt.com
WHERE WILL COLT TAKE YOU?
DRIVE ALIVE
MITSUBISHI MOTORS
INDUSTRIAL MOTORS LTD.
National Road, Blata l-Bajda HMR02,
Tel: 21 242 936 Fax: 21 234 769 Mobile: 9999 1666 Email: info-iml@iml.mizzi.com.mt

# Kompetizjoni



Fil-ħarga ta' Marzu, 2006 kienet imnedija kompetizzjoni bi premju għall-aħjar karikattura għall-maskot tal-Pulizija. Tmien karikatturi waslu għand il-Bord, fejn ġew mingħand il-Surġent Maġġur C Zammit, is-Surġent 538 M Ebejer, is-Surġent 524 P Cassar, il-Kuntistabbli 235 R Bristow, il-Kuntistabbli 720 P Bonnici, il-Kuntistabbli 396 S Baldacchino u l-Kuntistabbli Mara 39 S Fenech.



Wara konsultazzjoni, fejn apparti l-Bord kien involut ukoll il-Kummissarju s-Sur John Rizzo, l-għażla waqgħet fuq il-karikattura tal-Kuntistabbli 235 R Bristow li huwa stazzjonat ġewwa l-Għassa ta' Bormla.




L-isem li ġie adottat għal dan il-maskot kien ta' GIGI, fejn ser jiġi introdott f'Jum il-Pulizija, fit-12 ta' Lulju, 2006.

Għal okkazzjoni ta' Jum il-Pulizja 2006, is-Surġent 524 Paul Cassar, li huwa stazzjonat il-Mobile, ser joħroġ ktieb bl-isem ta' Għajn għal Għajn, Sinna għal Sinna. Aktar tagħrif dwar dan il-ktieb jingħata fil-ħarġa ta' Settembru.









available from all leading supermarkets and food stores

Balluta Shop
Balluta Piazza Tel: 2134 1853
info@goodearth.com.mt

Trade Enquiries Tel: 2143 1309, Fax: 2142 1873
sales@goodearth.com.mt

Smart Shopping Complex
Tel: 2149 0057
info@goodearth.com.mt



PC 1155 C.Mangion
C.M.R.U.

# Mal-Medda taż-żmien

Kien waqt ir-riċeviment tal-Milied tas-sena li għaddiet li ltqajna ma numru ta' eks-Pulizija li għal żmien twil kienu taw servizz liċ-ċittadini Maltin, b'mod partikolari fi żminijiet li ma jixbħu xejn lil dawk tal-llum.

Waħda minn dawn l-eks kuntistabbli kienet Salvina Agius minn B'Kara. Illum Salvina għandha 70 sena u hija pensjonanta.



In-numru ta' Pulizija nisa illum il-ġurnata fil-Korp ilaħħaq il-265, Salvina kienet ir-raba' mara li kienet daħlet fil-Korp tal-Pulizija .

Wara li kienu ħarġu l-applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' nisa fil-Korp tal-Pulizija, Salvina kienet pronta applikat iżda minħabba li dak iż-żmien ma kienx għad kellha 20 sena, ma ntgħażlitx għall-ewwel grupp li qagħdu għall-eżamijiet. Dan kien iffurmat minn tliet nisa biss. Ftit wara kien sar eżami ieħor din id-darba Salvina attendiet għal eżamijiet fil-post li kien magħruf bħala *Knight's Hall*, illum Dar il-Mediterran. Agius għaddiet mill-eżamijiet u kienet waħda mill-ewwel grupp ta' ħames nisa li daħlu fil-Korp tal-Pulizija. Ingħatat in-Numru 4. Ftit żmien wara kienu ngaġġati ħames nisa oħra biex il-grupp kien ammonta għall-għaxra.



Il-Kuntistabbli mara Numru 1 kienet stazzjonata fit-Taqsima ta' l-Immigrazzjoni filwaqt li l-erbgħa l-oħra kienu jagħmlu diversi xogħolijiet fil-Kwartieri Ġenerali fil-Furjana. Fost ix-xogħolijiet li kellhom kien hemm il-*foot patrol* u xogħol mad-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali. Dan kien jikkonsisti *f'searhes,* skorti u xogħolijiet fl-uffiċini. Bi tbissima qaltilna li kien propju fl-uffiċju tal-liċenzji fejn iltaqet mar-raġel tagħha. Xogħol ieħor kien *beach patrols* fejn kienu jduru l-bajjiet jaraw li l-malji kollha kienu jkunu diċenti. Il-malji *two piece* u minn kien iħoll xi ċinga minħabba x-xemx kien ikun mitkellem u mwissi.

Minħabba li l-pubbliku ma kienx imdorri jara Pulizija nisa bl-uniformi, is-Supretendent Attard kien jibgħathom foot patrol sal-gabbani tal-Belt biex b'hekk kienu jidhru fost il-pubbliku. Tant dehru li kienu anke spiċċaw fuq il-gazzetta t-*Times of Malta*. Il-berita ta' l-uniformi kienet problema kbira għall-eks-Kuntistabbli Agius - dejjem tara kif teħles u tilgħab biha. Kemm-il darba qalet għajta iżda bi tbissima tenniet li dak iż-żmien tgħidx kemm kienu jivvintaw stejjer.

Salvina tara differenza kbira fil-Korp, bejn meta daħlet hi u llum. Il-Korp progressa ħafna iżda dan il-progress ġab miegħu attitudnijiet differenti kemm maċ-ċittadin kif ukoll fl-istess Korp. L-eks-Kuntistabbli Salvina daħlet fil-Korp meta kien Kummissarju De Gray. Bejn daħqa u oħra semmiet meta waqt laqgħa li kellhom mal-Kummissarju huma daħlu mbeżża' minħabba li dan il-Kummissarju kien magħruf għad-dixxiplina li kien iżomm.



Għalkemm kienu grupp nisa, Salvina ammettiet li kienu fuq ruħhom mhux ħażin. Darba fost l-oħrajn telgħu fuq tal-linja u nnutaw lix-xufier kien għabba aktar milli suppost. Pronti pronti qalulu biex iniżżel in-nies, dan ħadhom biż-żufjett u huma rrapurtawh.



*Konna proud li aħna nisa u li nilbsu l-uniformi.* Waħħalnieh sospensjoni tal-liċenzja daħqet Agius.

Salvina damet fil-Korp 10 snin, 10 xhur u 10 t'ijiem u mbagħad għaddiet bord. Illum Agius hija mara taddar, omm ta' tliet itfal u nanna ta' tlett neputijiet. "Il-ħajja mimlija *ups and downs* iżda għada dejjem jaf ikun aħjar mill-llum, għalhekk it-tbissima tgħinek taffaċja dak li d-dinja tibagħtlek".

Nhar l-4 ta' Ġunju, 2006, l-ewwel grupp ta' nisa li daħlu fil-Korp jgħalqu 50 sena. Minn dawn il-paġni nawguraw lil dawk li kienu l-pijunieri tal-membri nisa fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. 50 sena ilu kien bidu li wassal biex illum għandna kemm Supretendent kif ukoll erba' Maġġuri nisa, apparti 13-il mara li għandhom il-grad ta' Spettur.


FEXCO
get
MORE MONEY
with FEXCO's
holidaymoneyPLUS
:: No commission charges
:: Great rates of exchange
:: Free Buy back guarantee*
:: Free Air miles*
:: Major currencies available on demand
how to BUY
:: Order online at www.fexcomalta.com
:: Order by phone on 21 381 300
:: At any of our branches below
You may now collect your currency from Fexco Bureau De Change St Georges Bay, St. Julians
(next to Intercontinental Hotel
open 16 hours a day x 7 days a week
*Conditions apply
:: www.fexcomalta.com ::
: : San Gwann : : St Julians : : Rabat (Malta) : : Mdina : : Gzira : : Valletta : : Victoria (Gozo)
: : Tel: 21 381 300 : : Fax: 21 378 869 : : Email: info@fexcomalta.com


BMW Motorrad
K 1200 R
www.bmw.com.mt
Testosterone in Your Tank.
Climb on. If you are a man. With 163bhp(120kW) and 123 Nm the K 1200 R is the most powerful production naked bike in the world.
Muscats Motors, Rue D'Argens, Gzira GZR 03 Phone: 2326 4581, 2326 4000 Fax: 2326 4592



PS 772 D.Aguis
Sezzjoni tal-Klieb

# Il-5 Distrett.

Wara li Il-Pulizija ta' Ħarsa fuq ir-Raba' Distrett, illum ħa niltaqaw mal-Ħames Distrett. Ta' min wieħed isemmi li f'kull distrett li morna x-xogħol tal-Pulizija huwa ħafna simili, pero' kull Distrett li ltqajna miegħu sa issa kollha għandhom il-karatteristiċi u kulturi differenti minn wieħed għal ieħor. Għalhekk ħadna l-opportunita' u tkellimna mas-Supretendent Nicholas Ciappara ġewwa l-Għassa taż-Żejtun.

Is-Supretendent Ciappara daħal fil-Korp fil-5 ta' Ġunju 1978 bħala kuntistabbli, u kien stazzjonat l-Għassa ta Ħal Qormi u Ħaż Żebbuġ li llum huwa t-Tieni Distrett. Madwar disa' xhur wara kien trassferit l-Interpol fejn sentejn wara kien poġġa għal eżami ta' Spettur. Hekk kif kien maħtur intbgħat jaħdem ġewwa l-Għassa f'Tas Sliema. Kienu diversi d-distretti li ħadem fihom, fosthom anke serva bħala Spettur l-Għassa tar-Rabat Għawdex. Fl-1995 kien ġie stazzjonat id-Drug Squad, fejn fis-sena 2000 kien ġie maħtur Supretendent fejn baqa' jservi f'din l-istess skwadra kif ukoll ingħata r-responsabbilta' tal-Vice Squad u l-Economic Crimes. Fis-sena 2003 kien ġie trasferit għal darba oħra fit-Tieni Distrett, dak ta' Ħal Qormi u wara disa' xhur kien trasferit għal dak tal-Ħames Distrett fejn għadu jservi sal-llum.

Is-Supretendent Ciappara beda biex isemmi li l-Ħames Distrett huwa mimli, anzi hu l-iktar distrett li fih jiġu organizzati festi, sew titulari u dawk sekondarji, fejn hemm mhux inqas minn sbatax-il festa li ħafna minnhom huma deskritti bħala jaħarqu, għalhekk kull fizzjal għandu biċċa xogħol iebsa biex jikkoordina is-sikurezza waqt dawn il-festi, hawn ta' min isemmi li festi ta Santa Marija, li tiġi f'ġurnata waħda, isiru erbgħa f'lokalitajiet differenti, li huma Mqabba, Qrendi, Gudja, u Għaxaq. Wieħed ma jridx jinsa wkoll iż-żewġ festi li jsiru fiż-Żurrieq fejn iż-żewġ naħat




barra li għandhom sapport kbir jattiraw numru kbir ta nies minn barra r-raħal li jżuru l-festi fi żmienhom.

Is-Sur Ciappara qal li l-Pulizija minn ħafna żmien qabel jibdew isiru laqgħqat mal-partijiet konċernati biex tiġi żgurata festa organizzata minn kull att. Ma jfisser xejn li tkun pro- attiv, għax xorta jista' jinqala' xi saram bħal ma seħħ is-sena l-oħra f'Ħal Għaxaq, iżda meta dan jinqala' wara trid tittieħed azzjoni li mhux dejjem tingħtoġob, imma dak li hemm bżonn isir ikollu jsir. Hawn isemma kemm saru laqgħqat biex dak li ġara ma jerġax jirripeti ruħu, u ukoll ħa spunt minn dan fejn semma li ftit taż-żmien ilu sar ftehim mal-Każini tal-Baned, Kunsill u mal-Kleru, fl-Imqabba fejn sar kuntratt ta' kif għandhom jitmexxew il-festi fir-Raħal għal din is-sena u snin li ġejjien.

F'dan id-distrett, apparti il-festi jiġu organizzati monti ġewwa ż-Żejtun ieħor ġewwa Marsaxlokk. Meta tkellimna fuq iż-Żejtun intqal li dan ma tantx iħalli problemi, iżda dak ta' Marsaxlokk xi kultant jinqalgħu argumenti fejn ikollha tintervjeni l-Pulizija minħabba xi argumenti li jinqalgħu bejn il-bejjiegħha tal-monti, fejn wieħed irid jarma fl-ispazju indikat u anke fuq xi lmenti li jkun hemm mir-residenti rigward ħmieġ li jħallu warajhom dawn l-istess bejjiegħha wara li jżarmaw, fejn minn żmien għal żmien qed isiru kemm laqgħat mall-Kunsill tal-post biex tiġi solvuta din il-problema għal ġid tar-residenti u ta' dawk li jiffrekwentaw dan ir-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk.

Mistoqsi dwar il-konnessjoni li hemm bejn il-Kunsilli u l-Pulizija ġo dan id-Distrett, is-Sur Ciappara qal li teżisti għaqda kbira u ma jaħsibx li hemm xi differenzi fit-tmexxija ta' dawn l-irħula. Fatt interessanti ta' min wieħed issemmih f'dan l-artiklu huwa li ftit taż-żmien ilu ż-Żejtun kellu mewta fatali ta' żagħżugħ minn doża qawwija ta' droga. Il-Kunsill fill-fatt organizza Semiar ta' ġurnata flimkien mal-Pulizija, fejn kull għaqda li hemm iż-Żejtun kienet mistiedna tattendi biex jaraw x' inhuma il-problemi li qed jiltaqaw iż-żgħażagħ tagħna fejn tidħol id-droga, u kif jistgħu jsolvuhom. Apparti l-Pulizija tad-distrett kien hemm ukoll dawk mis-Sezzjoni ta' Kontra d-




fx
Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com
SUPPLY AND INSTALLATION OF ALL KINDS OF GYPSUM AND MINERAL FIBRE SOFFITS, BULKHEADS AND COVING, DEMOUNTABLE AND GYPSUM PARTITIONS.


ALL MATTRESSES CARRY A 5 YEAR GUARANTEE
Royalty Quality Mattresses
www.royalty.com.mt
Order now on 21449254/3 Free Delivery
Royalty Orthopaedic Premium Mattresses
80 x 190 cm - Lm54 Item: 1405
90 x 190 cm - Lm58 Item: 1406
137 x 190 cm - Lm78 Item: 1407
152 x 190 cm - Lm86 Item: 1408
Made out of flame retardent and non allergic fabric
Permaflex Mattresses
2 Way mattress, ideal for Summer & Winter
15 Years Guarante
permaflex
Folding Beds
Item: 1409
Lm25.65
Lana Merinos Mattress Covers
2 way exterior sides. Ideal for Summer & Winte
Single ~~Lm150~~
Item: 1410 Lm60.00
Double ~~Lm175~~
Item: 1411 Lm80.00
Item: 1402
90 x 190 cm Lm34
Item: 1401
80 x 190 cm Lm32
Item: 1403
137 x 190 cm Lm44
Item: 1404
152 x 190 cm Lm48
Royalty Bedding - Commercial Street Qormi - Tel: 21449254



# GMF

MANUFACTURES OF PRE-STRESSED CONCRETE SLABS FOR ALL TYPES OF CONSTRUCTION

150mm for spans up to 8 metres
230mm for spans up to 10 metres
250mm for spans up to 11 metres
330mm for spans up to 14metres
350mm for spans up to 14metres
400mm for spans up to 18metres
425mm for spans up to 18metres
450mm for spans up to 18metres
475mm for spans up to 18metres
500mm for spans up to 18metres
525mm for spans up to 18metres




E-mail: gmfprecast@melita.net

GMF PRECAST LTD.

St. Mary Street, Maghtab, Malta. Tel: 2143 4682. Fax: 2143 7419
Mob: 9949 0882, 9943 7538

# Quality Turnkey Contractors




We Demolish, Build & Finish










We convert Houses of Character

**100% Best Prices & Best Service**

We are so confident in our prompt service that if we are late we pay you a penalty fee

- *Demolishing Works*
- *Fuq il-fil & Graffiato*
- *Tile Laying & Torba*
- *Excavation*
- *Plumbing*
- *Bulk Cleaning*
- *Building Works*
- *Drains*
- *House Conversions*
- *Gypsum Plastering*
- *Electricity*
- *Aluminium*
- *Sand Blasting and much more.*

Tel: 21 804750
Mob: 9929 2020
Email: qglgroup@maltanet.net




Droga tal-Korp, is-Sedqa u għaqdiet oħra fejn kulħadd indirizza il-mod li bih wieħed jista' jinduna jekk fost iż-żgħażagħ li jiffrekwentaw dawn l-għaqdiet ikunx hemm minn fosthom li qed jabbuża u x'passi għandhom jittieħdu f'dan il-każ.

Dan id-Distrett ikopri numru ta' rħula, fosthom iż-Żejtun, Ħal Għaxaq, Gudja, Mqabba, Qrendi, Żurrieq, Ħal Safi, Ħal Kirkop, Birżebbuġia, Marsaxlokk kif ukoll l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Mas-Sur Ciappara hemm tliet Spetturi: l-Ispettur J Agius stazzjonat iż-Żejtun, l-Ispettur Johann Fenech stazzjonat Birżebbugia, u l-Ispettur Walter Spiteri stazzjonat iż-Żurrieq fejn flimkien jikkowordinaw dan id-distrett kbir u attiv. Fil-fatt, is-Supretendent qal li ftit taż-żmien ilu kien sar rapport mill-Assistent Kummisrju Abela fejn kien issuġġerit li dan id-Distrett jinqasam fi tnejn, bħal ma kien sar ftit taż-żmien ilu f'dak ta' tas-Sliema u San Ġiljan, fejn gie ipproponut li jsir Supretendent ieħor biex jaqsam dan ix-xogħol b'aktar effiċjenza. Hawn ta' min isemmi li dan l-aħħar saru diversi bidliet radikali fil-Korp fejn qed iħallu il-frott mixtieq, min jaf, forsi fi ftit żmien ieħor issir din il-bidla wkoll.

Il-*Pulizija* ħa wkoll l-opportunita' li jitkellem ma' l-Ispettur Johan Fenech ġewwa l-Għassa ta' Birżebbuġia, li jkopri miegħu ukoll lil Marsaxlokk. Dwar Birżebbuġia l-Ispettur Fenech qal li kull nhar ta' Ħamis jintrama l-monti, kif ukoll isir matul il-ġranet kollha ġewwa Marsaxlokk, kif ukoll nhar ta' Ħadd. Dwar dak ta' Marsaxlokk li jsir fil-ġurnata tal-Ħadd, qal li hu naqra nkewtanti fejn qed isiru xi arranġamenti biex il-hawkers ikollhom il-post stabbilit fejn jarmaw bħal ma jsir f'postijiet oħra.

Huwa sostna li żmien ilu kien hemm xi forma ta' arranġamenti, imma peress li jkun hemm minn żarma jew xi ħadd ieħor li jieħu post, kultant jinqalgħu xi ntoppi fejn ikun hemm bżonn li tidħol il-Pulizija biex tiġi rranġata s-sitwazzjoni. Aktar minnhekk, issir ukoll ronda waqt il-ħin tal-monti minħabba Pick Pocketing, ronda isir ukoll minħabba xi kontravenzjonijiet tat-traffiku, u aktar minn hekk minħabba ż-żamma għal ordni.

Sa ftit taż-żmien ilu Birżebbuġia kien post ta' villeġjatura, illum huwa raħal ieħor fejn ħafna nies stabbilew rwiehom b'residenza permanenti. Minħabba l-ambjent tiegħu matul iż-żmien tas-sajf jinġabru numru kbir ta' nies mir-raħal stess, kemm minn barra r-raħal kif ukoll turisti. Għalhekk ma jistax jonqos li matul dan iż-żmien isir dak li llum nafuh bħala is-*Summer Patrol* madwar il-kosta ta' Birżebbuġia, fejn numru ta' Pulizija jagħmlu ronda bejn id-disgħa ta' filgħodu u l-ħamsa ta' wara nofs inhar, fejn dawn jiġu mibdula kemm mit-Taqsima tal-Klieb kif ukoll minn dik tal-Kavallerija matul il-ħin ta' filgħaxija. Dan il-*Patrol* nistgħu ngħidu li naqqas ħafna mis-serq li kien isir minn basktijiet u affarijiet personali ta' dawk li jkunu qed igawdu l-baħar f'dawn iż-żmienijiet.

Tkellimna ukoll dwar il-festi li jiġu organizzati kemm f'Birżebbuġia kif ukoll ġewwa Marsaxlokk. Dwar dik ta' Birżebbuġia, is-Sur Fenech qal li sar ftehim dwar l-andament tal-festa, fejn kien hemm il-parteċipazzjoni taż-żewġ għaqdiet tal-baned, il-kleru, il-Kunsill kif ukoll ma jistax jonqos il-Pulizija. Saru arrangamenti bi qbil bejn il-partijiet konċernati li kemm-il darba banda tkun qed iddoqq, din ma tgħaddi qatt minn quddiem il-każin oppost biex b'hekk la jinqalgħu inċidenti u lanqas ikun hemm insulti miż-żewġ naħat. Dwar il-Ħadd filgħodu sar qbil ukoll li l-ebda banda ma tgħaddi minn mal-kosta biex ma tinħoloqx konfużjoni waqt li t-traffiku jibqa' għaddej normali u dawk li jkunu qed igawdu il-baħar jkomplu jagħmlu dan fil-kwiet. Ta' min isemmi li għalkemm f'Birżebbuġia tiġi ċċelebrata festa waħda jieħdu sehem fiha żewġ baned, dawk tal-Banda San Pietru u l-Banda San Pietru Meħlus mill-Ktajjen.

Meta tkellem fuq il-kriminalita', l-Ispettur Fenech qal li minħabba il-Patrols li jsiru regolari, is-serq naqas mhux bil-ftit, fejn isemma li matul il-lejl issir ronda fin-naħa ta' Ħal-Far li hija parti ukoll integrali ma' Birżebbuġia minħabba n-numru kbir ta' fabbriki, kif ukoll matul il-ġurnata u fi tmiem il-ġimgħa, dwar abbuż ta' sewqan ta' vetturi, fejn hemm *area* kbira li wieħed għandu jagħti każ sew. Qal ukoll li kien irċieva xi lmenti li kien qed isir xi abbuż mal madwar ta' fejn hemm il-Bandli iżda mix-xogħol li sar sa issa ma rizulta xejn, imma xorta waħda dan iċ-ċentru qed jiġi trattat b'mod li ma jsir l-ebda abbuż fih, speċjalment issa li kif jibda dieħel is-sajf jkun iffrekwentat minn ħafna tfal.





Meta kien mistoqsi dwar il-kuntatt mażżewġ Kunsilli li jmissu ma' Birżebbuġia, is-Sur Fenech qal li hemm rabta tajba bejn il-Kunsilli saħansitra darba kull xahar isiru laqgħqat dwar l-operat tal-Pulizija biex jiġi dejjem żgurat il-paċi f'din in-naħa ta' Malta. Xi ħaġa li qed isiru taħdidiet fuqa hija mal-Kunsill ta' Marsaxlokk fejn qed jiġi stabbilit l-introduzzjoni ta' *Neighbourhood Watch*, fejn nafu li ħadmet f'ħafna postijiet fejn kienet ġiet introdotta. B'hekk ikollna għajnuna aktar mill-pubbliku fil-ġlieda dejjem qalila kontra il-kriminalita'.

Tkellimna wkoll ma' l-Ispettur Walter Spiteri fuq id-divizjoni taż-Żurrieq li tkopri magħha il-Qrendi, Mqabba, Ħal Safi, u Ħal Kirkop.

Meta bdejna din l-intervista tkellimna fuq il-Monti, fejn intqal li hemm bżonn ħafna li dan il-monti jerġa jiġi organizzat għal fatt li dan l-aħħar żdiedu il-hawkers fejn ovvjament żdiedu ukoll in-nies li nhar ta' Ħamis iżuru dan il-monti biex jagħmlu x-xirja tagħhom minn dan il-post. Fil-fatt is-Sur Spiteri qal li ġa avviċina l-Kunsill biex fl-iqsar żmien possibbli jibdew taħdidiet fuq dan il-post.

Bħal ma semmejna aktar 'il fuq, il-festi f'dawn in-naħat ma tistax tinjorhom. Ta' min isemmi li ġewwa ż-Żurrieq isiru żewġ festi kbar dik ta' Santa Katerina u tal-Karmnu, fil Qrendi Santa Maria u ta' Lourdes, fl-Mqabba Santa Maria u tal-Ġilju, f-Ħal Kirkop San Ġużepp u San Leonardu, u dik ta' Ħal Safi, San Pawl. Ma' l-ewwel ħarsa, wieħed għandu jinduna x-xogħol jirrikjedu dawn il-festi msemmija. Għal dawn l-aħħar ħames snin fiż-Żurrieq kien hemm ftiehim ta' kif għandhom jiġu ċċelebrati dawn iż-żewġ festi, liema ftehim ser jiġi rivedut din is-sena stess wara li tgħaddi l-festa ta' Santa Katerina, minħabba li dan il-kuntratt jiskadi hekk kif l-aħħar festa tkun spiċċat. Hawn tkellimna li għad ma jeżistu l-ebda regolamenti ta' kif jiġu ċċelebrati dawn il-festi tagħna, għaldaqtstant iridu jsiru regolamenti li jirrigwardjaw ir-raħal inkwistjoni biex isiru regolamenti ad hoc kif qed issir bħalissa. Jeżistu regolamenti bejn il-partijiet ikkonċernati fil-Qrendi u Ħal Safi ta' kif wieħed għandu jiċċelebra l-festa li tappartjeni lilu billi jgib ruħu sew waqt attivitajiet u marċi li jiġu ċċelebrati biex jonqsu speċjalment l-insulti minn wieħed għal ieħor. Kuntratt simili għadu kemm ġie stabbilit gewwa l-Mqabba fejn sar qbil diġa' bejn iż-żewġ baned u għaqdiet, il-kleru, u ma jistax jonqos il-Pulizija li fl-aħħar mill-aħħar irridu nkunu aħna li nissorveljaw dak kollu li jkun qed jiġri.



Post ieħor li hu mportanti f'din in-naħa ta' dan id-distrett, u li jiġi ukoll frekwentat minn ħafna nies, minħabba il-ħwienet li fih, bla dubju ta' xejn hu Wied iż-Żurrieq. Post mill-isbaħ li jakkomola ħafna nies għal diversi raġunijiet, minħabba l-ħwienet li wieħed isib hemmhekk, kif ukoll post fejn diversi għaddasa jmorru biex jilħqu l-isvogg sabiħ tagħhom. Illum nistgħu ngħidu li sar xi tip ta' ftehim bejn is-sidien tad-dgħajjes ta' kif wieħed għandu jieħu l-kirja tiegħu għal Blue Grotto, li sa ftit taż-żmien ilu kien ikun hemm xi battibekki bejn is-sidien ta' l-inġenji tal-baħar. Fattur importanti qed ikun il-Patrol li jsir minn ħin għal ieħor biex jitnaqqsu r-reati ta' serq minn dan il-post sew minn ġol-vetturi, kif ukoll minn fuq ħwejjeġ tal-persuni li jkun qed jgħoddsu f'dawn l-inħawi.

Il-Kriminalita' minn dawn l-inħawi naqset ukoll. Qed jidher ċar, li bil-Pulizija fit-triq ir-rata tas-serq tista' tiġi minimizzata. Fi kliem is-Sur Spiteri l-uniku uġieħ ta' ras li baqa' f'din id-divisjoni hi il-ġlied bejn l-aħwa jew familjari, ġirien, u anke fuq ir-raba'. Apparti dan kollu din id-divizjoni saret meqjusa bħala waħda kwieta.

La aktar qabel semmejna l-bidliet li qed isiru fi ħdan il-Korp tagħna, ma jistax jonqos li Il-Pulizija jkellem xi membri f'dan id-Distrett ukoll. Tkellimna mas-Surġent 853 u mal-Kuntistabbli 1246 fl-Għassa ż-Żejtun li ma jistgħax jonqos li kliem waqa' fuq l-introduzzjoni tax-xift il-ġdid. Kienu diversi l-kummenti pożittivi li saru fuq ix-xift, fis-sens li qed jaħdmu inqas siegħat u li qed jibqa' aktar ħin biex jitgawdew mal-familja, ħaġa li laqtitna kienet li għalkemm żdied in-numru tal-Pulizija f'kull xift xorta qed ikun hemm problema biex jiġi bbukjat il-leave. Ta' min wieħed jieħu nota sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rranġata ukoll. Intlaqtet tajjeb ukoll l-introduzzjoni ta' l-affidavit għat-tickets mogħtija fid-distrett, l-unika ħaġa li kien hemm kumment fuq l-affidavit hu li kien iktar ikun għaqli li wieħed jieħu lecture ta' kif jiddaħħlu fil-kompjuter, filwaqt li kien hemm min xtaq ukoll li għandhom jiġu attrezzati il-kompjuters biex ikunu aġġornati mal-ħtieġa tal-llum.




Clamus
CENTER

TOYS • CARDS • GIFTS
STATIONERY • RUBBER STAMPS
JEWELLERY • LEATHER GOODS
COMPUTER GAMES
SOUVENIRS
OFFICE SUPPLIES

Melita Street
Valletta VLT 04

Market Street
Zejtun

St. Augustine Street
St. Julians (opp. Baystreet)

Canon Rd.
Qormi (opp. Flamingo)

Tel: 2122 6594/5/6
Fax: 2122 6597
E-Mail: clamus@onvol.net



Falzon's
Bathrooms & Ceramics

**As Stylish As Your Imagination**
Ceramic Wall & Floor Tiles
Gres Porcellanato - Kitchen Sinks & Tiles
Bathroom Suites - Shower Cubicles
Bathroom Fixtures & Accessories - Mixers
Mirrors & Water Heaters - BBQ's

Showroom: Triq Psaila, Sta. Venera HMR 16
Tel: 2148 2860, 2148 5536. Fax: 2148 3075
Offices/Stores: Triq il-Kummerc, Qormi QRM 09
Tel: 2149 5485 Fax: 2148 3075
E-mail: info.falzon@onvol.net
Webpage: www.falzons.com

# F'Ħamis ix-Xirka rxoxta ir-rank tas-Surġenti Maġġuri



Kien propju f'Ħamis ix-Xirka, nhar it-13 ta' April, 2006 li wara nuqqas ta 16-il sena, bħala parti mir-rijoganizazzjoni tal-Korp tal-Pulizija, f'messaġġ mgħoddi mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo, il-membri tal-Korp kienu nfurmati li b'effett immedjat numru ta' Surġenti kienu promossi għal Surġenti Maġġuri, fejn Surġent kien promoss għal Surġent Maġġur ta' l-ewwel klassi filwaqt li 29 l-oħra saru Surġenti Maġġuri tat-tieni klassi.

Waqt ċerimonja sempliċi li kienet organizzata fl-*Officers Mess* fil-Kwartieri Ġenerali, il-Furjana, u li waqtha is-Surġenti Maġġuri ġodda ingħataw il-*letter of appointment*, il-Kummissarju awgura li dawn is-Surġenti Maġġuri u ħeġġiġhom fil-qadi tad-doveri l-ġodda tagħhom. Il-Kummissarju tenna li kienet ħasra li r-rank ta' Surġent Maġġur kien intilef. Rank li huwa ta' mportanza kbira minħabba id-doveri uniċi li huma marbuta miegħu. Fost dawn id-doveri, il-Kummissarju semma id-detail, iż-żamma tad-dixxiplina kif ukoll id-dover li wieħed jara li n-nies li hu responsabbli minnhom għandhom dak kollu neċessarju biex jaħdmu. Il-Kummissarju qal ukoll li minħabba diversi raġunijiet, ewlenija, fosthom in-nuqqas ta' riżorsi umani, ċerta dixxiplina fil-Korp illaxkat. Filwaqt li awgura lis-Surġenti Maġġuri l-ġodda, il-Kummissarju temm id-diskors tiegħu billi qal li bl-introduzzjoni tax-xift il-ġdid f'numru ta Distretti, il-Korp gwadanja aktar man hours u dan sabiex iċ-ċittadin jinqeda aħjar.

Il-ħatriet huma kif ġej: Is-Surġent 1266 Noel Felice: kien promoss għal Surġent Maġġur ta' l-ewwel klassi u baqa' dettaljat fis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani.

Id-29 Surġent ieħor li kienu promossi għal Surġenti Maġġuri tat-tieni klassi ġew dettaljati hekk: Surġent Maġġur tat-tieni klassi 249 Angelo Curmi, Detail Officer fl-1 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 739 Michael Borg, Detail Officer fit-2 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 496 Godwin Borg, Detail Officer fit-3 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1212 Carmel Zerafa Detail Officer fir-4 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 577 Joseph Abdilla Detail Officer fil-5 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 907 Raymond Zammit Detail Officer fis-6 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 768 Silvio Brincat Detail Officer fid-Distrett 6A; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 86 Anthony Lia Detail Officer fis-7 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1450 Mario Rotin Detail Officer fit-8 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 489 George Attard Detail Officer fid-9 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 755 Francis Cauchi flimkien ma' Surġent Maġġur tat-tieni klassi 567 Guda T. Bajada kien inkarigat mill-investigazzjonijiet u l-Qrati fl-10 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1302 Angelo Spiteri Detail Officer fl-l-10 Distrett; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 614 Saviour Garcia, Detail Officer inkarigat mill-GHQ, ORC, ID, IT, Mużew u Control Room; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 85 Audrey Cassar, inkarigata mill-Quarter Master; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 162 Joseph Howard, Detail Officer inkarigat mic-CID, Mobile, CRO, VEC u Drug Squad; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1265 Carmel Bondin, Detail Officel Special Branch; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 116 Richard Cauchi,Detail officer Traffic, PCO, SAG, ALE, Sezzjoni tal-Klieb u Sezzjoni tal-Kavallerija; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 48 Mary Louise Grech, inkarigata mill-Uffiċju ta' l-Armi; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1452 Emmanuel Scicluna inkarigat mill-SVS; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 544 Effie Schembri, inkarigat mis-Sezzjoni tal-Garage (MT); Surġent Maġġur tat-tieni klassi 16 Martin Cordina, inkarigat mill-Akkademja tal-Pulizija; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1208 Charles Galea inkarigat miċ-Ċentri ta' Detenzjoni; Surġent Maġġur tat-tieni klassi 954 Paul Mangion flimkien ma' Surġent Maġġur tat-tieni klassi 78 Joseph Cremona, Surġent Maġġur tat-tieni klassi 45 Marisa Bartolo u Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1373 John Micallef ġew dettaljati l-Control Room, filwaqt li Surġent Maġġur tat-tieni klassi 88 Marthese Micallef u Surġent Maġġur tat-tieni klassi 136 Ian Vella, ġew dettaljati l-MSS. Bħala parti mid-doveri tagħhom, Surġent Maġġur tat-tieni klassi 116 Richard Cauchi, Surġent Maġġur tat-tieni klassi 48 M' Louise Grech u Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1542 Emmanuel Scicluna għandhom ukoll is-seduti tat-Traffiku fil-Qorti.

Tkellimna ma' ftit mas-Surġenti





Maġġuri l-ġodda biex naraw xi tfisser għalihom il-ħatra bħala Surġent Maġġur.

Wara 36 sena servizz, li tulhom serva f'diversi distretti u uffiċini, fosthom il-Ħamrun, Raħal Ġdid, in-Naxxar, il-CCF u għal dawn l-aħħar snin fit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, is-Surġent Maġġur ta' l-ewwel klassi Noel Felice qallilna li fl-opinjoni tiegħu hi ħaġa sabiħa għall-Korp tal-Pulizija li r-rank ta' Surġent Maġġur reġa' ħa l-ħajja wara tant snin. Dan ir-rank hu l-katina li torbot ir-relazzjonijiet bejn l-uffiċjali u n-nies ta' taħthom, rank li jsaħħaħ u jinforza d-dixxiplina fil-Korp. Is-Surġent Maġġur Felice kompla li dan ir-rank iservi ukoll biex iqassam in-nies fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom b'ugwaljanza fost il-membri kollha tal-Korp stazzjonati fid-diviżjoniji jew taqsima fejn ikun assenjat, biex jara x'hemm bżonn isir biex il-Pulizija jaħdmu b'mod effettiv u skond il-liġi, biex il-membri kollha tal-Korp jaqdu dmirijiethom b'effiċjenza u b'hekk inkunu nistgħu nagħtu l-aħjar servizz lill-pubbliku jixtieq u jixraqlu.

Is-Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1265 Lino Bondin ilu fil-Korp tal-Pulizija dawn l-aħħar 36 sena u kien stazzjonat il-Belt, tas-Sliema, Raħal Ġdid, Bormla, San Ġiljan, iż-Żejtun u l-Immigration. Dawn l-aħħar 11-il sena kien stazzjonat bħala Detail Officer tal-Kwartieri Ġenerali. Għas-Surġent Maġġur Bondin, dan ir-rank huwa responsabbilita' akbar minn dik ta' surġent għax apparti x-xogħol ta' Detail Officer issa għandu responsabbilita' aktar. Dan b'mod partikolari fit-tqassim tan-nies. Is-Surġent Maġġur hu sodisfatt ħafna li ngħata dan ir-rank u jispera li jkun ta' għajnuna mhux biss għal dawk il-kollegi li jiltaqa magħhom kulljum iżda għal membri kollha li jista' jkun ta' għajnuna għalihom.

Is-Surġent Maġġur tat-tieni klassi 489 George Attard, ilu fil-Korp tal-Pulizija dawn l-aħħar 24 sena. Hu kien stazzjonat fit-taqsima tal-Mobile, fit-Tielet Distrett, fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, fis-Seba' Distrett u fit-Taqsima ta' l-ALE. Ir-responsabbilita' fix-xogħol kif ukoll id-dedikazjoni huma affarijiet li jappellaw lis-Surġent Maġġur Attard. Hu stqarr li kien miġbud ħafna lejn ħatriet li jitolbu sens ta' leadership. Ix-xogħol ta' surġent maġġur b'mod partikolari fejn jidħol it-tqassim tan-nies minn dejjem affaxxinah kif ukoll ix-xogħol in ġenerali fir-rank ta' Surġent Maġġur.

Il-ħatra ta' Surġent Maġġur għal Surġenti Maġġuri tat-tieni klassi 78 Joseph Cremona waslet bħal sajjetta fil-bnazzi wara 20 sena servizz. Matul dawn l-20 sena Cremona serva fid-DIK, l-Special Branch, Ħaż-Żebbuġ u Ħaż-Żabbar, tas-Sliema u San Ġiljan. Illum is-Surġent Maġġur hu stazzjonat il-Control Room. Minn dejjem kien iħares lejn din il-pożizzjoni bħala waħda mportanti fi ħdan il-Korp għax tgħaqqad il-ġerarkija ta' fuq ma' dik ta' taħt. Din hi pożizzjoni li tgħaqqad liż-żgħir ma' ta fuqu, qallilna, u b'hekk ikun hemm aktar kommunikazjoni fi ħdan il-Korp u permezz ta' hekk dan isir aktar effiċjenti. Is-Surġent Maġġur Cremona jħares lejn dan ir-rwol bħala mportanti ħafna u jassigura li tinżamm id-dixxiplina fi ħdan il-Korp. Ma rridx ngħid jew ninftiħem li għanda tiżdied sikkatura żejda tenna bi tbissima, iżda s-surġent maġġur irid jara li l-membri għandhom l-għodda kollha neċessarja biex jkunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom b'mod mill-aktar effiċjenti. Is-surġent maġġur għandhu ukoll jassigura li l-membri tal-branka tiegħu għandhom ambjent idejali fejn huma jaħdmu biex b'hekk id-doveri jkunu jistgħu jkunu esegwiti f'atmosfera aħjar.

Tul it-23 sena li s-Surġent Maġġur tat-tieni klassi 614 Saviour Garcia ilu fil-Korp tal-Pulizija dan kien stazzjonat iż-Żejtun, il-Qawra, Ħal Luqa, it-Taqsima tal-Mobile, id-Dipartiment ta' l-Investigazjonijiet Kriminali u riċentament bħala kuratur tal-Mużew tal-Pulizija. Anke għal dan is-Surġent, l-aħbar tal-promozzjoni waslet bħala sorpriża. Ix-xogħol fir-rank ta' Surġent Maġġur ma jaqta' xejn u ma dan wieħed irid iżid ix-xogħol fil-Mużew, tenna bi tbissima s-Surġent Maġġur Garcia. Madanakollu tul iż-żmien li ilu fil-Korp hu dejjem xtaq pożizzjonijiet li joffru sfida biex b'hekk is-sodisfazjoni ikun akbar.

Surġent Maġġur tat-tieni klassi 1373 John Micallef ilu jservi fil-Korp tal-Pulizija għal 18-il sena. Għaxra għamilhom l-SAG filwaqt li l-aħħar tmien snin kien Surġent fl-Għassa ta' l-Imsida. F'Ħamis ix-Xirka, qabel mar għas-seba' visti għadda l-għassa u ra l-messaġġ bin-numru tiegħu. Ma setax jemmen. Ried itir bil-ferħ, u ma riedx jemmen dak li kienu qed jaraw għajnejh. Qabadni uġieħ ġo sidri pero' is-seba' visti xorta għamilthom qalilna bi tbissima. Il-Għid huwa żmien fejn wara sawma tajba ta' 40 ġurnata sħaħ bla ħelu, tinżilek għasel l-ewwel kikra kafe biz-zokkor u gidma figolla. U għalija dan l-Għid ta' l-2006 fisser frott ta 18-il sena ta' servizz u dedikazjoni u il-ħatra il-ġdida niżlitli għasel. Ir-rank ta' Surġent Maġġur għal Micallef tfisser illi hu d-dell u estensjoni tal-Fizzjali biex iżomm u jestendi d-dixxiplina, jmexxu, jakkumpanjaw u jikkordinaw il-*patrols*, jaċċertaw *customer care*, ettikett u prudenza ta' l-għola livell mill-Pulizija fit-toroq, għasses u f'kwalunkwe servizz ieħor li joffri l-Korp tal-Pulizija.

Tkellimna ukoll mas-Surġent Maġġur Carmel Zammit li issa ilu sena jaqdi dmirijietu f'dan ir-rank. Is-Surġent Maġġur Zammit qalilna li grazzi għall-Kummissarju tal-Pulizija, reġa' ta l-ħajja lir-rank tas-Surġent Maġġur, żgur li din se tkun ħaġa pożittiva fil-kambjamenti li qegħdin jitwettqu llum fil-Korp tal-Pulizija.

Huwa pjaċir kbir tiegħi, li dan ir-rank reġa' ingħata l-ħajja li jixraqqlu tenna l-Kummissarju. Qabel kien ġie nominat l-RSM Charles Zammit, dan ir-rank kien spiċċa għal kollox, litteralment estint minn rank fil-Korp tal-Pulizija. Ma kienx faċli li jerġa' jkun introdott dan ir-rank, pero` b'rieda tajba minn kulħadd u mertu kbir minn naħa tal-Viċi Prim Ministru u l-Ministru tal-Ġustizja u Intern, l-Onorevoli Tonio Borg, dan ir-rank reġa' ingħata l-ħajja wara nuqqas ta' 16-il sena. Dan ir-rank huwa mportanti għax iservi ta' inċentiv għal kull Surġent li jixtieq ikompli fis-servizz.

Apparti il-ftit żieda li jieħu fis-salarju, ir-rank ifisser ukoll rikonoxximent għall-mod effiċjenti li bih is-Surġent ikun qeda' id-doveri tiegħu tul is-servizz tiegħu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Tkellimna ukoll mal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo dwar il-ħatra tal-Surġenti Maġġuri. Is-Sur Rizzo qal li d-doveri tas-Surġent Maġġur fil-Korp tal-Pulizija huma ta' mportanza kbira. Ir-rwol ta' dan ir-rank hu li qabel kollox iżomm id-dixxiplina fil-branka fejn ikun qed iservi. Meta nitkellmu dwar dixxiplina nkunu qed infissru l-ispektrum wiegħsa tagħha. Dover ieħor hu li jara li s-servizzi kollha huma f'posthom u li dak kollu meħtieġ kemm fl-Għassa, kif ukoll minn kull membru li jservi taħtu fil-qadi tad-doveri tiegħu, qiegħed provdut u użatt kif suppost. B'dan il-mod ser tiżdid is-serjeta' u l-effiċjenza mis-subalterni tiegħu, kif ukoll il-prestazzjoni aħjar tal-Korp tal-Pulizija b'mod ġenerali. Is-Surġent Maġġur jieħu ħsieb ukoll il-preparazzjoni tad-*detail of duties* ta' kull membru taħt il-kmand tiegħu. Dan ifisser li se tispiċċa darba għal dejjem l-anomalija li kellna fejn Pulizija jipreparaw id-*detail of duties* tas-superjur dirett tagħhom, jiġifieri tas-Surġent. Din kienet xi ħaġa kontra r-regoli tad-dixxiplina fejn Pulizija jordna Surġent x'għandu jagħmel. Ir-rank ta' Maġġur għandu wkoll responsabbilitajiet oħra, bħal meta Maġġur ikun responsabbli mit-tmexxija ta' xi branka jew uffiċju, prosekuzzjonijiet ta' każi kriminali u doveri oħra.

Il-Kummissarju temm billi awgura lil kull Surġent li ngħata il-promozzjoni għal Maġġur suċċess fil-qadi tad-doveri ġodda tiegħu. Il-Kummissarju talab lis-Surġenti Maġġuri ġodda biex jirrispettaw il-ġurament ta' lealta', li jkunu ġusti u leali fil-qadi tad-doveri tagħhom u jżommu dan ir-rank u l-isem tal-Korp tal-Pulizija bl-akbar għożża u rispett.




Invest in your baby's future with a savings plan designed to give your child a head start in life.

MSV BABY BOND

FREEPHONE: 8007 2220

MIDDLESEA VALLETTA LIFE
Assurance Company Limited
So much more to life

WWW.MSVLIFE.COM

COM 2907051

Registered Address: Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd, Middlesea House, Floriana, Malta. Postal Address: P.O. Box 337, Marsa GPO 01, Malta.
Telephone: **(+356) 2122 6411** Telefax: **(+356) 2122 6429** e-mail: **info@msvlife.com**

*Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited is licensed by the Malta Financial Services Authority to provide investment services under the Investment Services Act 1994 and authorised to carry on long term business under the Insurance Business Act 1998.*

# Il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Maltija f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea

Kif diġa' ġibna f'ħarġiet oħra ta' Il-Pulizija, PC 848 Lawrence Gabriele u PC135 Joseph Buhagiar bħal issa qed jipparteċipaw f'missjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea ġewwa l-Bosnia u Herzegovina. Hawn taħt għandna rakkont minn PC135 Buhagiar. Aktar dwar dan fl-edizzjonijiet li jmiss.

Sa mill-bidu ta' April 2005, sa Ottubru ta' l-istess sena ġejt stazzjonat bħala Project Officer fl-Uffiċju ta' l-EUPM f'Zenica, Canton 4. F'dan l-irwol ikkordinajt proġetti li kien hemm f'Program One li kien jikkonsisti f'Crime Police u f'Criminal Justice. Il-proġetti assenjati lili kienu *CID Restructuring, Crime Hotline, Guidance for Major Crime Scene Management* ġewwa l-Bosnia u l-Herzegovina u Program 2 rigward ko-operazzjoni bejn il-pulizija lokali u l-prosekuturi fuq ix-xena tar-reat.

Minn Ottubru sa' l-aħħar ta' l-ewwel missjoni ta' l-EUPM kont parti minn *Evaluation Team* li ix-xogħol tagħna kien li nidentifikaw jekk il-miri tal-proġetti ġewx milħuqa u jekk il-proġetti laħqux il-prijoritajiet tal-Missjoni jew le. Ir-riżultati ta' dawn l-evaluwazzjonijiet se jikkontribwixxu għall-*EUPM End of Mission Report.* Iktar minn hekk għandom isibu x'hemm bżonn isir biex jidentifikaw attivitajiet fuq Proġetti għal Missjoni il-Ġdida u lezzjonijiet magħlma rigward implimentazzjonijiet tal-Proġetti infushom. Bħala parti minn dan it-tim, vjaġġajt madwar il-Bosnia u Herzegovina u żort uffiċji ta' l-EUPM f'diversi bliet u rħula u stajt neżamina ir-riżultati tal-proġetti li ġew implimentati mid-diversi aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi inkluż l-*State Border Service* (SBS).

Bejn April u Lulju, l-Evaluation Team ħolqot kriterji ta' evalwazzjoni li jinkludu intervisti, kwestjonarji u evidenza dokumentata u fotografata sabiex dawn jgħinu biex jintlaħqu l-obligazzjonijiet tad-diversi proġetti. Il-proċess ta' l-evalwazzjoni ġie iddisenjat sabiex jagħti stampa tal-kwalita' u l-impatt tal-proġetti kif ukoll dwar it-tmexxija tal-pulizija tal-lokal f'diversi lokazzjonijiet. Bejn Awissu u Diċembru tas-sena l-oħra, l-Evaluation Team għamlet evalwazzjoni tal-proġetti u l-programmi kollha fil-Bosnia u Herzegovina u intervistat aktar minn 300 pulizija tal-lokal biex tiddittermina s-suċċess u l-isfidi li ltaqgħu magħhom waqt l-implimentazzjoni tal-proġetti.





Mill-evalwazzjonijiet li għamilna irriżulta li kien hemm differenzi kbar bejn il-livell ta' implimentazzjoni tal-proġetti f'diveri lokalitajiet madwar il-pajjiż bejn minħabba l-istrutturi differenti fir-Repubblika ta' Srbska (RS) u l-Federazzjoni kif ukoll minħabba ċertu kundizzjonijiet fl-ekonomija lokali. Is-sistema ċentrali fl-RS, jiġifieri li l-pulizija jaqgħu taħt il-Ministeru ta' l-Intern, fiha vantaġġi. Fl-istess ħin din is-sistema hija burokratika ukoll peress li ħafna drabi l-pulizija tal-lokal jridu approvazzjoni mill-Ministeru qabel ma jieħdu azzjoni. Dan japplika l-aktar fejn jidħlu deċiżjonijiet finanzjarji. Biss għal skopijiet operazzjonali bħal sorveljazzjoni u investigazzjonijiet il-Public Security Centers ikunu jistgħu jiġbdu mir-riżorsi ċentrali bħal ngħidu aħna uffiċjali investigattivi.

Il-Federazzjoni bl-10 Cantons u 10 Ministri tal-Intern tagħhom, hemm tendenza li ma jindaħħlux fl-operat ta' l-amministrazzjoni u xogħol operattiv tal-Pulizija. Anke rigward l-Implimentazzjoni tal-Proġetti tal-EUPM. Kien hemm suċċess limitat fil-ħolqien ta' metodi biex ir-riżorsi jiġu mqasma u għandhom tendenza li joperaw iktar independentament milli mill-PSC's. Min-naħa l-oħra fuq lat posittiv l- indipendenza tal-Cantons ittihom iċ-ċans ikunu iktar krejattivi meta jiġu biex isolvu il-problemi u jirrejaġixxu iktar malajr rigward deċiżjonijiet.

Matul il-vjaġġi tiegħi u d-diskussjonijiet li kelli ma' membri oħra ta' l-EUPM kif ukoll mal-pulizija lokali, osservajt ċertu problemi fi ħdan l-EUPM. Affarijiet bħal l-fatt li uffiċjali ta' l-EUPM ma kellhomx skills biż-żejjed biex jiċċekjaw u jispezzjonaw il-proġetti u għalhekk dan wassal għal frustrazzjoni fost xi uffiċjali, kemm dawk lokali kif ukoll barranin. Il-fatt li mhux kulħadd kien jaf sew il-lingwa Ingliża ukoll ħoloq xi problemi. Personalment naħseb ukoll li l-management ta' l-EUPM ma kellux pjanijiet ċari ta' implimentazzjoni għal missjoni kollha u kien hemm tendenza li ċertu affarijiet tranġaw wara li ttieħdu l-iżbalji.

Sa l-aħħar tas-sena l-Evaluation Team irnexxielu jevalwa l-proġetti kollha u kull wieħed minna għamel ir-rapporti neċessarji dwar il-proġetti. Wara r-rapporti tagħna mil-lokazzjonijiet kien hemm uffiċċjali oħra fil-MHQ li kellhom jagħmlu ir-rapport finali fuq is-sitwazzjoni tal-proġetti mill-evidenzi kollha li ġbarna aħna. Sal-ġurnata tal-llum dan ir-rapport għadu ma ħariġx.

Fil-bidu ta' din is-sena għal missjoni l-ġdida ġejt stazzjonat fl-uffiċju ta' l-EUPM fil-Public Security Center fil-Lvant ta' Sarajevo, Pale fir-Republika ta' Srbska, bħala Crime Advisor.

Din kienet l-esperjenza tiegħi fl-Evaluation Team. Minn dak li rajt u esperjenzajt matul il-ħafna laqgħat ma' pulizija tal-lokal kif ukoll barranin tgħallimt ħafna u għamilt numru ta' ħbieb ġodda.

Niltaqgħu darb'oħra.

Insellmilkom
PC135 Joseph Buhagiar.

## Closer to YOU than ever

At APS Bank we are always getting closer to your needs

Now, more than ever, with several branches and ATMs throughout Malta and Gozo, we are closer to you.

Today we offer a wider network serving a range of customised products and services.





**APS bank**

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

The Bank You Want Us To Be

www.apsbank.com.mt



One Hour Service

OPEN ALL DAY
at G'Mangia
Mon - Fri: 0830hrs -1930hrs
Sat: 0830hrs -1230hrs

## THE CATHEDRAL OPTICAL





**Sunglasses**
• Polar • Cebe • Oakley
• Arnette • Others

**Daysoft UV**
One day disposable contact lenses

Frames Starting from Lm12

1. G'Mangia 21 226020/3
2. Fgura 21 673332
3. Zebbug 21 465768
4. Qormi 21 487582
5. B'Kara 21 490213
6. Pinto Opticians (Qormi) 21 488950
7. Naxxar 21 431152
8. Mosta 21 421976
9. Rabat 21 450845
10. Luqa 21 895248
11. Hamrun 21 220146

NOW ALSO AT Hamrun & opening soon in Attard.
Tel: 21 418315







Perfumery at G'Mangia




Msida multi-level intersection



St. James Art Centre, Valletta



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commercial Centre, Sliema



Msida multi-level intersection


## BALLUT BLOCKS LTD.

**Civil Engineering Contractors, Manufacturers of precast concrete products and suppliers of building materials.**

Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar
• Tel: 21 573093, 21 572666 • Fax: 21 575562



# L-Użu tas-Seat Belt mill-Pulizija

PS1505 J Micallef Engerer
Taqsima tat-Traffiku

Nixtieq nibda billi nsellem lill-membri kollegi kollha tal-Korp u nixtieqilkom il-ħidma t-tajba.

Qatt ma ktibt xi artiklu f'din ir-rivista, biss dan l-aħħar kont f'okkazjoni li spiratni li nikteb, jew aħjar, nikkummenta fuq xi ħaġa. Għal dawn l-aħħar 8 snin, it-Taqsima tat-Traffiku kienet impenjata zzur diversi skejjel, kemm dawk ta l-Istat, privati jew tal-Knisja biex nedukaw liż-żgħar tagħna biex iġibu ruħhom aħjar meta jagħmlu użu mit-toroq tagħna, kif ukoll waqt li jkunu rikbin f'xi karozza. Din il-Kampanja Edukattiva ta' Sigurta' fit-Triq kisbet suċċess u tat il-frott mixtieq.

Tgħiduli biex ġej. Mela dan l-aħħar waqt li kont fi skola partikolari u kif dejjem nagħmel nisħaq ħafna fuq l-użu taċ-ċintorin tas-sigurta' biex jintlibes minn kulħadd. Tfal, adulti u anzjani - m'hemmx eta'. Kif ngħid lit tfal kulħadd u kullimkien għandu jintlibes is-seat belt. Biss, hawn min għadu mhux josserva din il-liġi, li wara kollox qegħda hemm għas-sigurta' tagħna u ta' uliedna. Waqt waħda minn dawn id-diskussjonijiet mat-tfal, tifel ta' madwar 11-il sena, staqsini mistoqsija u fil-veru sens tal-kelma ġabni dahari mal-ħajt u sammarni. Staqsa għaliex il-Pulizija jkunu huma stess waqt li jkunu bil-karozza tas-servizz, b'mod speċjali, ma jilbsuhx! Pruvajt insib xi skuża imma ma nistgħux ninħbew wara l-iskużi. Ta' min ifakkar li l-liġi tispeċifika li kulħadd irid jilbes iċ-ċintorin tas-sigurta' u l-unika eċċezjoni għall-Pulizija hija waqt li jkunu qed jeskortaw xi persuna arrestata u f'ebda ħin ieħor. Waqt ir-ronda jew waqt li qed inwasslu lil xi ħadd minn post għall-ieħor jew sejrin fuq xi biċċa xogħol, aħna wkoll obbligati bil-liġi li nilbsu s-seat belt.

Ninnotaw ħafna okkażżjonijiet minn dawn; kemm bil-vetturi tas-servizz u kif ukoll bil-vetturi privati tagħna. Tinsewx li l-eżempju l-ħażin jidher ħafna aktar mill-eżempju t-tajjeb u minħabba xi wħud jeħel kulħadd. Kollha kemm aħna nġorru l-istess uniformi u jekk irridu li l-pubbliku jkun mgħallem u josserva l-liġi, għandna nkunu aħna minn ta' l-ewwel li nosservawha. Ma ninsewx ukoll li hemm ċirkolari *(Ċirkulari No. 104/03)* li titkellem dwar dan.

Ħaġa oħra hija l-użu tal-mobile phones. Ma għandix għalfejn ngħid ħafna. Kulħadd jaf li ma jistax isuq u jagħmel użu mill-mobile phone waqt is-sewqan *(Ċirkulari No. 20/03)*. Niġbdu wisq attenzjoni aħna u ma nistgħux ma naċċettawx il-kritika li ssirilna f'dan ir-rigward, meta xi membru min tagħna jiġi nnotat isuq mingħajr is-seat belt u wkoll jagħmel użu mill-mobile phone! Inkunu risponsabbli. Wara kollox, dan huwa d-dover tagħna u aħna qegħdin hemm biex naraw li l-liġi ma tinkisirx u mhux li niksruha aħna!

Nistħajjel li qed tgħidu, kemm kont iebes fi kliemi! Iva, hemm bżonn li nkunu ddixxiplinati. Dak li hu ħazin b'mod ġenerali u ta' ksur ta' liġi għal kull ċittadin, ifisser ħażin u ta' ksur ta' liġi għalina ukoll. Aħna għandna nkunu minn ta l-ewwel biex il-ħażin u ksur ta' liġijiet naraw li ma jitwettqux.




# Dewfresh
## BURGERS

### Give your kids something to smile about!

With Dewfresh Burgers you know your kids are enjoying a **quality tasty meal** that you can prepare in less than 15 minutes! You can rest assured of the superior quality of Dewfresh Burgers because all tasty Dewfresh products are produced from the best selected quality meat and are made in the same Pisani family tradition since 1884.

You can also rest assured that you are getting the **best value for money** with all Dewfresh products.

So next time you want to give your kids something to smile about, serve **Dewfresh Burgers!**




**Dewfresh Products Ltd. | Albertown Marsa | Malta**
**Tel: 21 239748 | www.dewfreshproducts.com**

# Parteċipazzjoni tal-Pulizija ta' Malta f'Turnament fi Franza









## WISPA Lyon, April 2006

Bejn it-23 u d-29 ta' April 2006, membri mit-Tim tal-Futbol tal-Korp tal-Pulizija ħadu sehem fit-turnament annwali tal-WISPA *(World Indoor Soccer Police Association)* fuq bażi ta' 5-a-side. Din is-sena saret fil-Belt ta' Lyon ġewwa Franza. Dawn il-membri li rrapprezentaw lil Malta ġewwa Franza huma: Spettur Malcolm Spiteri (3PD); PS 494 Gordon Borg (ECU); PS 46 Charlot Casha (FSL); PC 1238 Clive Brimmer (FSL); PC 1146 Edward Zammit (Vice) u PC 656 Adrian Lia (Vice) flimkien ma' ex-PC Francis Zammit magħruf aħjar bħala 'Gori' u s-sur John Spiteri.

Il-kunċett tal-WISPA għandu l-għan li jippromwovi ħbiberija u jaqsam esperjenzi varji bejn Pulizija li ġejjin mill-erba' rkejjen tad-dinja billi jilgħabu 5-a-side futbol f'atmosfera ta' ħbiberija. Din hija t-tielet darba li kontinġent Malti ħa sehem f'turnament ta' dan it-tip fejn fis-sena 2000 kien sar f'Wavre fil-Belġju filwaqt li fis-sena 2001 kien sar f'Barċellona fi Spanja.

## It-Turnament

It-turnament tal-futbol kien ibbażat fuq ir-regolamenti tal-Futsal, fejn b'kollox kien hemm 24 tim li ħa sehem, kollha mpoġġija f'4 gruppi ta' 6 timijiet-il wieħed. Kien hemm 16–il pajjiż differenti u 8 timijiet Franċiżi li kollha jirrappreżentaw xi għaqda jew korp tal-pulizija Franċiż.

Malta kienet fi grupp C flimkien mar-Royal Barbados Police; RT7 Military Lyon; DIPJ Lyon; Northern Cyprus Police u Brigadier Do lo Sol (Brażil).

Minn total ta' ħames logħbiet, Malta rebħet tlieta, tilfet waħda u ġiet draw waħda. Ir-riżultati kienu dawn:

**25 t'April**

| | |
|---|---|
| Pulizija ta' Malta *vs* Royal Barbados Police | 0-0 |
| Pulizija ta' Malta *vs* RT 7 Military Lyon | 3-1 |

**26 t'April**

| | |
|---|---|
| Pulizija ta' Malta *vs* DIPJ Lyon | 3-1 |
| Pulizija ta' Malta *vs* Northern Cyprus Police | 1-3 |
| Pulizija ta' Malta vs Brazil | 1-0 |

Malta kklassifikat bħala runner-up fil-grupp wara Ċipru ta' Fuq u b'hekk kwalifikat għall-kwarti tal-finali. Ta' min jgħid ukoll li Ċipru ta' Fuq kienu wieħed mit-timijiet il-favoriti li jirbħu t-turnament hu tabilħaqq hekk ġara. Għalkemm il-Maltin kienu ferħanin ħafna bir-riżultat eċċellenti li rnexxilhom jakkwistaw, kellu jitħallas prezz qares għaliex żewġ plejers, Charlot Casha u Francis Zammit weġġgħu u ma setgħux ikomplu jieħdu sehem, biex b'hekk it-tim Malti baqa' jilgħab biss b'sitt plejers.

Fil-kwarti tal-finali, fis-27 ta' April, Malta ltaqgħet ma' RAAA Lyon, fejn b'sitta minnies Malta tilfet bl-iskor ta' 6-0. RAAA Lyon iżda nqalgħu fis-semi finali minn tim Franċiż ieħor. Il-parteċipazzjoni ta' Malta ma waqfitx hawnhekk għaliex lagħbet għas-sitta u seba' post fejn għelbet lil CVA Lyon 4-3 wara prestazzjoni eċċellenti u b'hekk rebħet id-dritt li tilgħab għal-ħames u s-sitt post. Is-saqajn bdew jgħejjew u dan affettwa ħafna l-logħba li kien imiss kontra l-Ukrajna fejn Malta tilfet bl-iskor t'4-1 u spiċċat it-turnament fis-sitt post.

Ta' min jinnota li Malta rnexxielha tirbaħ il-qalb ta' dawk kollha li kienu preżenti fl-istadjum dak inhar għaliex wara li spiċċat il-logħba ta' kontra CVA Lyon, kulħadd qam bil-wieqfa jċapċap u jgħajjat 'Malta Malta'. Ta' min isemmi l-unur u s-sodisfazzjon li ħass kull Malti li kien hemm dak il-ħin. Kull persuna li ġġorr isem Malta u tal-Korp tal-Pulizija għandha biex tkun kburija.

F'isem id-delegazzjoni Maltija li telgħet Lyon, nixtiequ nieħdu l-opportunita' sabiex nirringrazzjaw lill-Kummissjarju tal-Pulizija u l-membri l-oħra li b'mod dirett jew indirett taw xi għajnuna sabiex din il-parteċipazzjoni rnexxiet. Kif ukoll nirringrazzjaw mill-qalb lil Luc Borlon, il-President internazzjonali tal-WISPA, lil Herve Paredes, President u l-moħħ wara t-turnament ta' Lyon, u fl-aħħar iżda mhux l-inqas lil Vincent Callieu (Censu) li kien il-Liasion Officer tal-grupp Malti u li mingħajru xejn ma kien possibli għalina l-Maltin.

***Rapport aktar elaborat fuq l-għanijiet tal-WISPA u minn xiex tikkonsisti din l-għaqda jiġu diskussi aktar fil-futur.***


www.medcomms.com.mt
GARMIN
STREETPILOT NUVI 350
Keep left on High Street
Menu
THE ULTIMATE
TRAVEL COMPANION
NAVIGATION
TRANSLATION
REVELATION
Medcomms Limited
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira Tel: 2133 5521 Fax: 2131 0820
Mob: 7947 1291 Email: admin@medcomms.com.mt


GREENLINES
Environmental
Services Ltd
Suppliers of skips-on-wheels
and daily collectionsof domestic waste
and commercial waste.
Hiring of Mobile Toilets and cleaning
Containers for waste separation
Sky Apartments A/6 177, Marina Street,
Pieta' MSD 08
Tel: 21 236625 / 21 247190
Fax: 21 238836
Mobile: 7949 2406
E-mail:olympia@vol.net.mt


The new Chevrolet Aveo.
All the car you need. Plus it's a Chevy.
Aveo
MIRA MOTOR SALES LTD
MEMBER OF THE ZAMMIT GROUP OF COMPANIES. Territorials Str., Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 14, Malta.
Tel: 2278 1278 Fax: 2148 0150 E mail: chevy@zamgroup.com www. chevrolet.com.mt
CHEVROLET

cepol European Police College

EUROMED



PC 1116Timothy Zammit Economic Crimes Unit

# Konferenza f'Malta dwar il-Ġlieda kontra il-Ħasil tal-Flus

Bħala parti mill-program msejjaħ 'MEDA/CEPOL', il-Korp tal-Pulizija ta' Malta ġie magħżul sabiex jorganizza konferenza għall-Uffiċjali mlaħħqin fi ħdan il-Forzi ta' l-Ordni tal-pajjiżi tal-Mediterran dwar il-ġlieda kontra il-Ħasil tal-flus (Money Laundering).

X'inhu eżattament il-'MEDA/CEPOL programme' u f'hiex dħalna aħna?

Il-program 'MEDA' huwa program ta' għajnuna u ko-operazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u tnax–il pajjiż li jinsabu madwar il-Baħar Mediterran (l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, Malta, il-Marokk, l-Awtorita' Palestinjana, is-Sirja, it-Tuneżija u t-Turkija).

Dan il-program ra il-bidu tiegħu wara deċizjoni tal-Kapijiet tal-Gvernijiet tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea li ttieħdet f'Barċellona fl-1995, liema diskussjonijiet ġew speċifikati għall-oqsma tal-Ġustizzja u l-Intern f'Valenzja fl-2002. Minn dan il-program, ġie mfassal program ta' ko-operazzjoni u taħriġ għall-Pulizija.

Il-Kummissjoni Ewropea, li kienet responsabbli għall-program 'MEDA', avviċinat il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) sabiex jieħu ħsieb dan il-program li llum huwa magħruf bħala il-'MEDA/CEPOL programme'. Is-CEPOL hija Istituzzjoni Ewropea mwaqqfa fis-sena 2000, u li hija nkarigata minn korsijiet ta' taħriġ għall-Uffiċjali tal-Pulizija mlaħħqin f'pożizzjoniet għoljin fi ħdan l-Unjon Ewropea. Iċ-CEPOL taħdem bi sħab ma' Akkademji tal-Pulizija fil-pajjiżi differenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-programm 'MEDA/CEPOL' huwa mqassam fuq medda ta' sentejn u ħa l-forma ta' madwar 15–il konferenza. Kienu ħamsa s-suġġetti magħżula sabiex jiġu diskussi waqt dawn il-konferenzi u dawn huma: Il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu, il-Ġlieda kontra it-Traffikkar tad-Droga, il-Ġlieda kontra il-Ħasil tal-Flus, il-Ġlieda kontra is-Cyber Crime, u l-Ġlieda kontra it-Traffikkar ta' Persuni. Dawn il-konferenzi qegħdin jiġu organizzati f'pajjiżi differenti.

Il-konferenzi dwar il-Ġlieda kontra il-Ħasil tal-Flus kienu tlieta, bit-tielet wieħed isir f'Malta. Iż-żewġ konferenzi l-oħra kienu saru fil-Portugal u Ċipru. L-organizzazzjoni ta' din il- konferenza ġiet fdatha lill-Korp tal-Pulizija, filwaqt li l-ispejjeż għamlet tajjeb għalihom il-MEDA/CEPOL.



Parteċipazjoni fil-Konferenza dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-flus

Minn xiex kienet tikkonsisti l-organizzazzjoni għal din il-konferenza?

Kif mistenni, mhux faċli daqs kemm taħseb li tiġi organizzata konferenza bħal din. Il-preparamenti għal din il-konferenza bdew madwar sena qabel meta bdew jinġabru quotations minn diversi kumpaniji. Imbagħad f'Lulju 2005 ġiet organizzata dik li tissejjaħ preparatory meeting f'lukanda ġewwa San Ġiljan li għaliha attendew rappreżentanti minn Malta, Ċipru, l-Italja, il-Belġju, Iżrael u mill-MEDA/CEPOL. Malta kienet rappreżentata mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar, is-Supretendent Alexandra Mamo u l-Ispettur Paul Vassallo. Il-Kuntistabbli Timothy Zammit kien preżenti u assista f'dak li kien hemm bżonn.

Waqt din il-laqgħa, li damet ġurnata sħiħa, ġew diskussi diversi affarijiet fosthom il-program u d-dati tal-konferenza. Ġiet ukoll diskussa u approvata l-iskeda ta' l-ispejjeż għal din il-konferenza li kienu jinkludu fost l-oħrajn il-lukanda, il-faċilitajiet tal-konferenza, is-servizz ta' l-interpreti u l-attivitajiet kulturali.

Kien wara din il-laqgħa li ntensifika ix-xogħol ta' preparazzjoni, liema xogħol kien jinkludi li jiġu kkonfermati l-ordnijiet tas-servizzi u l-prodotti meħtieġa għall-konferenza, li tinġabar l-informazzjoni dwar l-applikanti u li jibdew isiru l-arranġamenti meħtieġa fir-rigward ta' trasport u l-program kulturali għall-parteċipanti magħżula. Fl-aħħar ftit ġimgħat bdew jinħarġu ukoll il-passes u visas, kif ukoll kien hemm korrispondenza ma' dawk il-parteċipanti li kellhom xi diffikultajiet jew kellhom bżonn iktar informazzjoni.

X'ġara meta bdew jaslu il-parteċipanti?

Fl-aħħar, wara ħafna preparamenti, bdew jaslu il-parteċipanti. Dawn bdew jaslu nhar il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2006, peress li l-konferenza kella tibda it-Tnejn ta' wara. Membri ta' l-Iskwadra ta' kontra il-Ħasil tal-Flus, megħjuna minn membri ta' l-Iskwardra ta' kontra r-Reati Ekonomiċi, marru l-ajruport jilqgħu lill-parteċipanti u ħadu ħsieb it-trasport sal-lukanda. Mall-wasla tagħhom, il-parteċipanti ingħataw Welcome Pack li kien ippreparat mit-tim organizzattiv bl-għajnuna ta' l-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu.

Nhar il-Ħadd 15 ta' Jannar, 2006 ġiet organizzata ġita kulturali għall-parteċipanti mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu. Il-parteċipanti ġew mdawra postijiet storiċi bħal l-Imdina u l-Belt Valletta, liema mawra spiċċat b'ikla ġo



Working group waqt il-Konferenza

stabbiliment li jinsab il-Belt. Għalkemm kienet ġurnata mtappna b'temp ħażin ħafna, il-parteċipanti xorta setgħu japprezzaw il-ġmiel li għandna f'pajjiżna, li sfortunatament ħafna drabi l-anqas aħna stess ma napprezzaw.

Il-konferenza bdiet l-għada, nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar, 2006. Wara ntroduzzjoni qasira mis-Supretendent Alexandra Mamo, li kienet ukoll iċ-Chairperson ta' din il-konferenza, fetaħ uffiċjalment il-konferenza l-Assistent Kummissarju Michael Cassar li tkellem dwar kif żviluppa il-fenomenu tal-Ħasil tal-Flus tul iż-żminijiet. Warajh tkellem is-Sur Bernard Knerr, mill-MEDA/CEPOL, li filwaqt li faħħar it-tim organizzattiv għall-entużjazmu muri fl-organnizzar ta' din il-konferenza, fakkar lill-parteċipanti dwar l-iskop tal-program MEDA/CEPOL, li huwa sabiex jissaħħu ir-relazzjonijiet bejn il-membri tal-Forzi tal-Ordni tal- pajjiżi differenti.

B'kollox kienu tnejn u għoxrin il-parteċipanti għall din il-konferenza u dawn kienu ġejjin minn disa` pajjiżi differenti (l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, Malta, il-Marokk, u t-Turkija). Tajjeb li ngħidu li Malta kellha erba' parteċipanti jirrapreżentawha u dawn kienu l-Ispettur Antonovitch Muscat, l-Ispettur Ian Joseph Abdilla, l-Ispettur Angelo Gafa` u l-Ispettur Kevin Borg.

Wara li introduċew rwiehom il-parteċipanti kollha, bdew il-preżentazzjonijiet individwali mill-Esperti differenti. L-ewwel preżentazzjoni saret mill-Avukat Ġenerali ta' Malta, Dr. Silvio Camilleri, LL.D. li tkellem dwar il-leġislazzjoni domestika li titratta l-Ħasil tal-Flus, kif ukoll dwar l-għodda legali li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-uffiċjali investigaturi lokalment. Fit-tieni preżentazzjoni, is-Supretendent Alexandra Mamo spjegat dwar x'inhu eżatt il-Ħasil tal-Flus u kif nirreferu għalihom l-istadji differenti ta' dan il-proċess. Imbagħad il-parteċipanti ġew maqsuma fi tlett gruppi żgħar, imsejħin Working Groups, li ddiskutew il-leġislazzjoni tal-pajjiżi differenti.

It-Tlieta filgħodu, l-ewwel preżentazzjoni saret mill-espert Iżraeljan is-Sur Hagai Mizrahi li tkellem dwar il-cash couriers li llegalment jdaħħlu u joħorġu flus mill-pajjiżi mingħajr dikjarazzjoni ta' xejn. Warajh kien hemm preżentazzjoni mis-Sur Marco Cavaliere, mill-'Guardia di Finanza' ta' l-Italja. Is-Sur Cavaliere tkellem dwar ir-relazzjoni bejn il-Ħasil tal-Flus u d-dinja ta' l-Informatika filwaqt li ġab eżempji ta' investigazzjonijiet li saru ġo l-Italja. Saru wkoll preżentazzjonijiet ukoll mill-Working Groups differenti dwar dak li kien ġie diskuss il-ġurnata ta' qabel. Preżentazzjoni mill-espert Alġerin is-Sur Salah Eddine Hadj Ammar kienet dwar ir-rwol tal-Pulizija f'investigazzjonjiet dwar Ħasil tal-Flus. Il-ġurnata ingħalqet bi preżentazzjoni minn Dr. Anton Bartolo LL.D., mir-Reġistru tal-Kumpaniji ta' Malta li tkellem dwar professjonisti (bħal avukati u accountants) u l-involviment tagħhom fil-ġlieda kontra il-Ħasil tal-Flus.

L-ewwel preżentazzjoni ta' nhar il-Erbgħa kienet mill-espert Belġjan is-Sur Carlo Van Heuckelom li tkellem fit-tul dwar l-iffriżżar ta' assi ta' nies misjuba ħatja tar-reat ta' Ħasil ta' Flus. Warajh għamel preżentazzjoni oħra l-espert Taljan Marco Cavaliere li tkellem dwar il-leġislazzjoni fl-Italja kif ukoll dwar il-metodi li tadotta il-'Guardia di Finanza' f'investigazzjonijiet dwar Ħasil ta' Flus. Fit-tielet preżentazzjoni tal-ġurnata, l-esperta Portugiża, Carla Leao, tkellmet dwar investigazzjonjiet li saru ġewwa l-Portugal. Fi preżentazzjoni oħra, tkellem l-Ispettur Paul Vassallo, mill-Pulizija ta' Malta dwar każ partikolari ta' Ħasil ta' Flus li ġie investigat mill-Pulizija Maltija. Iktar tard dakinhar stess, il-parteċipanti ttieħdu jżuru l-bini ta' l-Awtorita' Maltija tas-Servizzi Finanzjarji li jinsab ġewwa l-Imrieħel kif ukoll il-Mużew tal-Pulizija li jinsab ġewwa il-Kwartieri Ġenerali.

Nhar il-Ħamis, l-ewwel preżentazzjoni kienet dwar ir-relazzjoni bejn il-kuntrabandu u l-Ħasil tal-flus. Din il-preżentazzjoni saret mill-espert Iżraeljan, is-Sur Ze`ev Cygelberg. Preżentazzjoni mill-espert Ċiprijott Theodorus Stavrou ittrattat il-ko-operazzjoni bejn l-organizzazjoniet internazzjonali fil-ġlieda kontra il-Ħasil tal-Flus. Wara din il-preżentazzjoni kien imiss lis-Sur Daniel Gatt, mill- Financial Intelligence Analysis Unit ta' Malta, li tkellem dwar il-ko-operazzjoni, speċifikamanent bejn il-pajjiżi tal-Mediterran. Wara din il-preżentazzjoni, il-parteċipanti reġgħu ġew maqsuma f'Working Groups li fihom ġiet diskussa il-ko-operazzjoni bejn il-Pulizija ta' pajjiżi differenti.

L-aħħar ġurnata tal-konferenza kienet il-Ġimgħa 20 ta' Jannar, 2006. Wara li saru preżentazzjonijiet mill-Working Groups dwar dak li kien ġie diskuss il-ġurnata ta' qabel, saret l-evaluation mill-parteċipanti kollha tal-konferenza. Il-konferenza ġħalqet b'diskors mis-Sur Pierre Anton Mattei, il-persuna nkarigata mill-programm 'MEDA/CEPOL' u diskors ieħor mis-Supretendent Alexandra Mamo. Imbagħad tqassmu ċertifikati ta' parteċipazzjoni, kif ukoll rikordju tal-konferenza u memento tal-Pulizija ta' Malta, ġentilment mogħti mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ringrazzjamenti

Żgur li din il-konferenza ma setgħatx tkun possibli mingħajr l-għajnuna ta' diversi nies. Għalkemm ma jistax ikun li jissemma' kulħadd, grazzi kbira tmur lill-membri ta' l-Iskwadra ta' kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Iskwadra ta' kontra ir-Reati Ekonomiċi; kif ukoll lill-membri tas-Cyber Crime Unit u s-CMRU, is-Surġent Alfio Borg (Sezzjoni tal-Fotografija), u lis-Sur Christopher Galea li ħa ħsieb l-istationery tal-konferenza. Fuq nota personali, nixtieq nirringrazzja lis-superjuri tiegħi li tawni l-opportunita' li nkun parti minn dan l-avveniment.


Home4Loan insurance
Our buildings insurance policy has been designed to meet your home loan requirements at competitive premium rates.
You can also benefit from further reductions when you purchase one of our life insurance policies.
Citadel insurance
your secure option
Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo 26 • Market Street • Floriana VLT 15
Tel: 2557 9000 • Fax: 2557 9550 • Freephone: 8007 2322 • E-mail: info@citadelplc.com
Branches: • Naxxar: 2141 9198 • Ħaż-Żebbug: 2146 3559 • Paola: 2180 6247 • Gżira: 2133 2151
Citadel Insurance p.l.c. is authorised to carry on general and long term business of insurance under the Insurance Business Act, 1998 and to provide investment services under the Investment Services Act, 1994 and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES
Your Construction Partner
ATTARD BROS. CO. LTD
CEMENTSTONE MANUFACTURING CO. LTD
A. C. S. ATTARD CONCRETE SYSTEMS
ATTARD BLUE MIX
EUROCRAFT LIMITED
www.attardbros.com
Civil Engineering Contractors, Manufacturers of all kinds of Building Material & Contract Joinery Works
'Mikesand', Industrial Zone, Ta' Qali RBT 13
T: 2141 5332 ~ F: 2143 0967
email: info@attardbros.com

Your Favourite Coatings Company
SIGMA COATINGS
Tel: 21 668 053 Fax: 21 668 112
E-Mail: info@sigmamalta.com



Sup E. Mangion
Uffiċjal ta'kollegament
Malti għall-EUROPOL

# Malta fil-EUROPOL (EPOL) - Sena wara

Data: 3 ta' Mejju 2006;
Ħin: 09:30 ta' filgħodu;

Lokazzjoni: L-Uffiċju ta' Kollegament Malti fl-EPOL, fl-Aja, L-Olanda; L-Uffiċju Nazzjonali ta' L-EPOL, fid-Depot, Malta.

Konverżazzjoni tipika fuq il-linja sigura VOIP (Voice over internet protocol) bejn l-Uffiċju Nazzjonali ta' l-EPOL (ENU – EPOL National Unit) f'Malta w l-ELB (EPOL Liaison Bureau) Malti ġewwa l-Aja.

**WPC 237 Vella:** "Bonġu Sir, il-ġimgħa l-oħra bagħatilna l-info-ex bin-numru 146874_012, fuq l-immigrazzjoni llegali. Din kienet mill-Greċja, u ntbagħatet lilek minn Giorgos Stathopolou. Hemm xi ismijiet fiha li jaqblu mar-records tagħna, iżda hemm xi dettalji li ma jaqblux bl-eżatt. Pero` hemm ċans tajjeb li xi wħud minn dawn in-nies jistgħu jkunu l-istess."

**Supt. Mangion**: "Bonġu Antonella. Kollox sew hemm? Żomm daqsxejn il-linja ta' ħalli nsib dak in-numru fis-sistema... fiha sitt targets... liema huma l-ismijiet li jista' jkun li jaqblu mar-rekords tagħna?"

**WPC 237 Vella:** "Hemm tnejn.. .Nikos Valdoros ta' nazzjonalita` Griega w Pranjid Mahmoud Halawi mill-Pakistan... l-ismijiet jaqblu, iżda d-dati tat-twelid u d-dettalji l-oħrajn huma differenti.

**Supt. Mangion:** "Mela ħalli nkellem lil ta' l-uffiċju Grieg forsi għandhom xi ritratti jew xi fingerprints... nerġa' nkellmek bejn is-siegħa w is-saghtejn u nofs, għax bħalissa baqagħli nlesti xi dokumenti għax għandi laqgħa li tibda fl-għaxra. Fakkar naqra lis-Surġenta Rita li kellha tiċċekkja fuq dak il-kwestjonarju dwar l-Information System ma ta' l-ITS, peress li d-deadline tiegħu huwa sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa...."

**WPS 116 Micallef:** "Bonġu Sir, dak il-questionnaire diġa qiegħed għandi, u ser nagħdieh aktar tard illum.. .pero` hemm xi affarjiet li m'aħniex ċerti jekk ftehemniex sew fuqhom... ħalli jkellmek l-Ispettur Cutajar fuqhom......"

Ġurnata tipika fl-Uffiċju ta' Kollegament Malti (ELB) fl-EPOL hija waħda mimlija daqs bajda. F'Jannar ta' l-2005 Malta fetħet l-uffiċju tagħha ġewwa l-EPOL. Wieħed jista' igħid li fis-sena li għaddiet ix-xogħol f'dan l-uffiċju dejjem baqa' jiżdied. Daqqa t'għajn lejn l-istatistika malajr tikkonferma dan il-fatt u tagħti stampa ċara tal-volum u t-tip ta' xogħol li qed isir mit-tim Malti li għandu x'jaqsam ma l-EPOL. Fis-sena 2005 kien hemm 24 każ li nfetħu minn Malta ġewwa l-EPOL. Dawn kienu jikkonċernaw diversi każi fejn kienu nvoluti oqsma differenti ta' kriminalita`. Mill-banda l-oħra, Malta rrispondiet għal 825 il-talba minn pajjiżi jew sezzjonijiet oħrajn li hemm ġewwa l-EPOL. Barra minn hekk, l-uffiċjal ta' kollegament Malti (ELO – EPOL Liaison Officer) attenda 74 laqgħa differenti maqsuma fuq aktar minn mitt ġurnata.

### Ix-Xogħol ta' l-ELB Malta

Ix-xogħol ta' l-ELB Malta jista' jinferaq taħt erba' branki differenti imma relatati: amministrattiv, operazzjonali, il-parti strateġika, kif ukoll il-parti rapreżentattiva.

Il-funzjonijiet amministrattivi jinkludu t-tmexxija normali ta' l-uffiċju, il-filing elettroniku tad-dokumenti relatati mal-każijiet u mal-laqgħat koperti mill-ELO, kif ukoll l-amministrazzjoni tad-drives tal-kompjuter utilizzti mill-ELB Malti. Ma' dawn il-funzjonijiet wieħed jista' jsemmi wkoll il-back-up fuq bażi regolari tas-sistemi u l-fajls elettroniċi tal-bureau Malti. Parti sostanzjali oħra tax-xogħol amministrattiv huwa l-preparazzjoni tad-dokumenti kollha li jkunu meħtieġa għall-laqgħat ġewwa l-EPOL. Meta nirreferi għall-preparazzjoni tad-dokumenti, dan ma jfissirx sempliċiment li wieħed ilestihom fiżikament għal waqt il-laqgħa partikolari. Ovvjament trid tkun taf ukoll x'inhu l-kontenut ta' kull dokument. Fl-istess ħin irid jiġi aċċertat li s-sugu ta' dawn id-dokumenti jinġib għall-attenzjoni tal-persuni kkonċernati u responsabbli ġewwa Malta. Għal dawn il-funzjonijiet kellhom jiġu stabbiliti diversi proċeduri meta ġie mwaqqaf l-ELB Malti ġewwa l-EPOL.

